Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 13 ta' Settembru 2018**
**(OR. en)**

**12137/18**

**PUBLIC 57**
**INF 166**

**NOTA**

| Suġġett: | SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL - MEJJU 2018 |
|---|---|

Dan id-dokument jelenka l-atti[1] adottati mill-Kunsill f'Mejju 2018.[2][3]

Huwa jagħti informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti leġislattivi, inkluż:

- id-data tal-adozzjoni,
- is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill,
- in-numru tad-dokument adottat,
- ir-referenza tal-Ġurnal Uffiċjali,
- ir-regoli tal-votazzjoni applikabbli, ir-riżultati tal-votazzjoni u, jekk ikun il-każ, spjegazzjonijiet tal-vot u dikjarazzjonijiet ippubblikati fil-minuti tal-Kunsill.

---

[1] Għal referenza faċli, "it-titoli qosra" kif imsemmija fl-aġendi tal-Kunsill huma indikati wkoll (ara fil-*korsiv*).

[2] Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet ta' proċedura, appuntamenti, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti minn ftehimiet internazzjonali, deċiżjonijiet baġitarji speċifiċi, eċċ.

[3] Fil-każ ta' atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill meta jkun ġie adottat l-att leġislattiv u d-data proprja tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja jitqiesu li ġew adottati biss wara l-firma kemm mill-President tal-Kunsill u mill-President tal-Parlament Ewropew kif ukoll mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ istituzzjonijiet.

Dan id-dokument fih ukoll informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti mhux leġislattivi li l-Kunsill ikun iddeċieda li jagħmilhom pubbliċi.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll fuq is-sit web tal-Kunsill:
Sommarji ta' kull xahar tal-Atti tal-Kunsill (atti) - Consilium

Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill: Dokumenti u pubblikazzjonijiet - Consilium

Ta' min jinnota li dan id-dokument huwa esklużivament għal finijiet ta' informazzjoni - il-minuti tal-Kunsill biss huma awtentiċi. Dawn huma disponibbli fuq is-sit web tal-Kunsill: Minuti tal-Kunsill - Consilium

| INFORMAZZJONI DWAR L-ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL F'MEJJU 2018 | |
|---|---|
| **Proċedura bil-miktub li tlestiet fis-7 ta' Mejju 2018** | |
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/694 tas-7 ta' Mejju 2018 li timplimenta d-Deċiżjoni 2014/932/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Jemen<br>ĠU L 117, 8.5.2018, p. 17–18 | 8522/18 |
| Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/689 tas-7 ta' Mejju 2018 li jimplimenta l-Artikolu 15(3) tar-Regolament (UE) Nru 1352/2014 rigward miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Jemen<br>ĠU L 117, 8.5.2018, p. 1–2 | 8525/18 |
| **Proċedura bil-miktub li tlestiet fit-8 ta' Mejju 2018** | |
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/699 tat-8 ta' Mejju 2018 li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/798/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Ċentru-Afrikana<br>ĠU L 117I , 8.5.2018, p. 3–4 | 8584/18 |
| Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/698 tat-8 ta' Mejju 2018 li jimplimenta l-Artikolu 17(3) tar-Regolament (UE) Nru 224/2014 dwar miżuri restrittivi minħabba s-sitwazzjoni fir-Repubblika Ċentru-Afrikana<br>ĠU L 117I , 8.5.2018, p. 1–2 | 8585/18 |

<table>
<tr><th colspan="4">It-3615-il laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Ġenerali) li saret fi Brussell fl-14ta' Mejju 2018</th></tr>
<tr><td colspan="4">ATTI LEĠISLATTIVI</td></tr>
<tr><td>ATT</td><td>DOKUMENT</td><td>REGOLA TAL-VOT</td><td>VOTI</td></tr>
<tr><td>Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2018<br>Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1 għall-baġit ġenerali tal-2018 li jakkumpanja l-proposta biex jiġi mobilizzat il-Fond ta' Solidarjetà tal-UE biex tingħata assistenza lill-Greċja, Spanja, Franza u l-Portugall</td><td>8107/18</td><td>Maġġoranza kwalifikata</td><td>L-Istati Membri kollha favur, minbarra:<br>Astensjoni: UK</td></tr>
<tr><td>Reviżjoni tar-Raba' Direttiva Kontra l-Ħasil tal-Flus<br>Direttiva (UE) 2018/843 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 li temenda d-Direttiva (UE) 2015/849 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, u li temenda d-Direttivi 2009/138/KE u 2013/36/UE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)<br>ĠU L 156, 19.6.2018, p. 43–74</td><td>72/17</td><td>Maġġoranza kwalifikata</td><td>L-Istati Membri kollha favur</td></tr>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni<br><br>Il-Kummissjoni jiddispjaċiha li d-Direttiva riveduta ma tipprovdix l-istess livell ta' trasparenza dwar is-sjieda benefiċjarja ta' trusts li jagħmlu profitt bħalma tagħmel fir-rigward tal-kumpanniji u entitajiet legali oħra.<br><br>Il-Kummissjoni tissottolinja li, fid-dawl tal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-UE u tal-obbligu li jiġu ddikjarati r-raġunijiet, hija tal-akbar importanza għal-leġislazzjoni tal-Unjoni li tinkludi motivazzjoni suffiċjenti, speċifika, adegwata u legalment soda f'dak li jirrigwarda l-aċċess għall-informazzjoni tas-sidien benefiċjarji inklużi fir-reġistri ċentrali. Id-dikjarazzjoni tar-raġunijiet trid tiżvela, b'mod ċar u b'mod inekwivoku, ir-raġunament tal-awtur tal-miżura, b'tali mod li l-persuni kkonċernati jkunu jistgħu jaċċertaw ir-raġunijiet għaliha u biex il-qrati kompetenti jkunu jistgħu jeżerċitaw is-setgħa ta' rieżami tagħhom. Il-Kummissjoni tqis li l-għoti ta' aċċess pubbliku għal informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja ta' kumpanniji u ditti huwa ġustifikat fid-dawl tal-ħtieġa ġenerali għal trasparenza f'affarijiet korporattivi sabiex jiġu protetti l-interessi ta' partijiet terzi u li dan l-aspett tad-Direttiva jaqa' taħt l-Artikolu 50 TFUE. Jiddispjaċiha li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill qiesu li dan l-aspett għandu jiġi kkunsidrat biss bħala effett sekondarju pożittiv u li mhux meħtieġ li l-Artikolu 50 TFUE jiġi ċitat bħala bażi legali addizzjonali.<br><br>Madankollu, filwaqt li tqis li l-għażla tal-Artikolu 114 TFUE bħala l-bażi legali unika ma timplikax konsegwenzi legali f'dan il-każ, il-Kummissjoni tista' taċċetta l-verżjoni finali tad-Direttiva.</td></tr>
</table>

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**

Il-Kummissjoni tissottolinja l-ħtieġa għall-identifikazzjoni u l-verifika tas-sidien benefiċjarji, b'kont meħud li l-livell limitu għall-interess ta' parteċipazzjoni azzjonarja jew sjieda speċifikat fid-Direttiva huwa biss indikattiva u jikkostitwixxi fattur wieħed ta' evidenza fost oħrajn li għandu jitqies. Fid-dawl tar-riskju inerenti ppreżentat mill-entitajiet mhux finanzjarji li ma jinvolvux ruħhom f'attività ta' negozju attiv, għalhekk jenħtieġ li l-entitajiet marbuta b'obbligu japplikaw livell limitu aktar baxx fir-rigward tal-istabbiliment tas-Sjieda Benefiċjarja tagħhom. Jenħtieġ li dan ikun il-każ b'mod partikolari ta' Entitajiet Mhux Finanzjarji Passivi li huma subsett tal-Entitajiet Rapportabbli kollha, kif definiti fid-Direttiva dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva u kif imsemmija fl-Istandard għall-Iskambju Awtomatiku ta' Informazzjoni (AEOI) żviluppat mill-OECD.

**Dikjarazzjoni mill-Awstrija**

L-Awstrija hija mħassba ferm li t-test attwali ma jsaħħaħx it-trasparenza dwar is-sjieda benefiċjarja meħtieġa biex jiġi evitat l-abbuż ta' trusts għall-fini ta' ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu. Teżisti ħtieġa ċara li jiġu stabbiliti reġistri ċentrali u pubbliċi tas-sjieda benefiċjarja għat-trusts fl-Istat Membru fejn huma rregolati mil-liġi tagħhom (Art. 31 tad-Direttiva 2015/849). Sfortunatament, it-test attwali jsaħħaħ dan in-nuqqas ta' trasparenza ta' sjieda benefiċjarja ta' trusts saħansitra aktar peress li jipprevedi l-anonimità tas-sidien benefiċjarji ta' ċerti tipi ta' trusts. Għaldaqstant, l-Awstrija tappella biex dan in-nuqqas apparenti fil-qafas AML/CFT futur tal-UE jiġi rimedjat.

**Dikjarazzjoni min-Netherlands**

Filwaqt li jappoġġaw id-Direttiva li temenda d-Direttiva (UE) 2015/849 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, in-Netherlands huma mħassba dwar il-perijodu ta' traspożizzjoni ta' 20 xahar għall-Istati Membri biex jistabbilixxu reġistru bl-informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja ta' trusts u arranġament legali simili. Traspożizzjoni u implimentazzjoni rapidi tal-emendi fl-Istati Membri individwali hija importanti. Madankollu, fl-Istati Membri – bħan-Netherlands – fejn it-trusts u l-arranġamenti legali simili mhumiex regolati skont il-liġi nazzjonali u fejn għad m'hemm l-ebda rekwiżit ta' reġistrazzjoni għat-trusts, jidher ambizzjuż ħafna li jkun hemm reġistri operattivi bl-informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja fi żmien 20 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Regolament dwar il-LULUCF*<br>Ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE<br>ĠU L 156, 19.6.2018, p. 1-25 | 68/17 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, minbarra:<br>Kontra: PL<br>Astensjoni: LV |

**Dikjarazzjoni mil-Latvja u l-Litwanja**

Il-Latvja u l-Litwanja japprezzaw l-isforzi tal-Presidenza Estonjana biex tintegra s-settur tal-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija (LULUCF) fil-qafas ta' politika dwar it-tibdil fil-klima għal wara l-2020.

Madankollu, waqt li jinnotaw it-test ta' kompromess finali, iż-żewġ pajjiżi huma mħassba dwar l-obbligi ta' kontabbiltà mandatorja għall-artijiet mistagħdra mill-2026.

L-importanza tal-artijiet mistagħdra bħala ekosistemi effettivi għall-ħżin tal-karbonju jeħtieġ li tingħaraf.

Madankollu, il-kondizzjonijiet ġeografiċi jiddeterminaw proporzjon konsiderevolment ogħla ta' artijiet mistagħdra fl-Ewropa ta' Fuq u f'xi pajjiżi tal-Ewropa tal-Punent meta mqabbel mal-medja tal-UE.

Għalhekk dan jagħmel dawn l-artijiet speċjalment importanti għall-istabbiliment ta' miri tal-klima (u l-issodisfar tar-regola ta' ebda debitu) kif ukoll għall-ġestjoni effettiva u sostenibbli tar-riżorsi.

Skont il-qafas tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC), il-pajjiżi huma mħeġġa jużaw il-gwida teknika reċenti mis-"Suppliment tal-2013 għal-Linji Gwida tal-IPCC tal-2006 dwar l-Inventarji Nazzjonali tal-Gassijiet b'Effett ta' Serra: Artijiet Mistagħdra" biex jirraportaw l-emissjonijiet u l-assorbimenti tagħhom minn artijiet mistagħdra ġestiti. Il-progress fl-implimentazzjoni tas-Suppliment tal-2013 għal-Linji Gwida dwar Artijiet Mistagħdra jvarja minn Stat Membru tal-UE għal ieħor.

L-importanza tal-progress tal-pajjiżi biex jimplimentaw is-Suppliment tal-2013 dwar Artijiet Mistagħdra tikber meta tiġi applikata kontabbiltà mandatorja għal artijiet mistagħdra peress li f'dan il-każ hemm involuta l-komparabbiltà bejn kwistjonijiet ta' ilħiq ta' miri u dawk ta' implikazzjoni finanzjarja.

Biex jiżguraw sistema ta' kontabbiltà robusta u trasparenti l-Istati Membri kollha għandhom jużaw l-istess linji gwida dwar l-artijiet mistagħdra qabel ma tiġi applikata l-kontabbiltà mandatorja.

Barra minn hekk, għandhom ikunu permessi sforzi serji u ħin suffiċjenti għall-Istati Membri sabiex:

Tinkiseb data nazzjonali preċiża dwar il-ġestjoni tal-artijiet mistagħdra u jitnaqqsu l-inċertezzi. Għad tinħtieġ ħidma sostanzjali f'dan ir-rigward; u

Jinkisbu fatturi nazzjonali għar-reġjuni (żona ta' klima moderata) speċjalment peress li fatturi nazzjonali fis-Suppliment tal-2013 għal-Linji Gwida dwar Artijiet Mistagħdra għandhom inċertezzi għolja. Appoġġ xjentifiku u metodoloġiku adegwat fil-livell tal-UE jenħtieġ li jiġi pprovdut mill-Istati Membri.

B'kont meħud taċ-ċirkostanzi msemmija hawn fuq, inħeġġu lill-Kummissjoni Ewropea biex waqt ir-reviżjonijiet li jmiss ta' dan ir-Regolament tqis in-nuqqas possibbli ta' data preċiża u ta' fatturi ta' emissjonijiet nazzjonali għall-istima ta' emissjonijiet u assorbimenti taħt il-ġestjoni tal-artijiet mistagħdra kif ukoll biex tiżgura li l-Istati Membri jkollhom biżżejjed ħin biex itejbuhom.

**Dikjarazzjoni mill-Polonja**

Il-Polonja tesprimi diżappunt kbir għall-verżjoni adottata tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE. Il-fatt li l-ekosistemi tal-foresti huma l-akbar bir ta' karbonju fl-Ewropa kif ukoll l-aktar wieħed importanti mhuwiex rifless b'mod xieraq fil-leġislazzjoni proposta. L-istabbiliment ta' Livell ta' Referenza għall-Foresti (FRL) għal art forestali ġestita abbażi ta' perijodu qasir bejn l-2000 u l-2009 hija deċiżjoni arbitrarja għall-benefiċċju ta' xi pajjiżi u għad-detriment ta' oħrajn peress li l-perijodu ma kienx biżżejjed rappreżentattiv għall-ġestjoni tal-foresti tagħhom. Barra minn hekk, inħolqot stampa inadegwata tal-forestrija fl-Istati Membri peress li s-sistema ta' kontabbiltà hija bbażata fuq tali FRL kostrutt, u peress li l-gwida għat-tqassim tal-mekkaniżmu għall-kumpens tuża l-parametru tal-kopertura tal-foresta bħala l-bażi tagħha, minkejja li dan huwa biss wieħed mill-ħafna parametri relatati mas-settur tal-forestrija. Il-metodoloġija ta' kontabbiltà msemmija hawn fuq tista' twassal biex ikunu ġġenerati debiti minkejja s-sitwazzjoni li ser jikbru fiha riżorsi ta' bijomassa tal-foresta b'konsegwenza ta' assorbimenti nett reali.

Jekk il-benefiċċji fit-tul għall-klima pprovduti minn ekosistemi ta' foresti ma jkunux rikonoxxuti biżżejjed u jiġu kontabbilizzati bħala emissjonijiet, minkejja li l-ammont ta' injam maħsud ikun ferm anqas miż-żieda annwali, l-investimenti ppjanati fil-forestrija u s-settur tal-injam ser ikunu limitati. Dan ipoġġi f'dubju r-rwol tal-foresti u l-injam fl-ekonomija ekoloġika futura fl-UE. L-UE għandha tippromwovi l-użu tar-riżorsi tal-foresti tal-UE mhux biss għax huwa soluzzjoni ekoloġika, iżda wkoll għax jikkontribwixxi għaż-żieda tar-rwol tal-foresti fil-bijoekonomija u l-iżvilupp sostenibbli tar-reġjun. Il-limitazzjoni tal-ħsad fl-UE ser ikollha bħala konsegwenza inevitabbli ż-żieda fl-importazzjoni ta' materjali tal-injam minn barra l-UE.

Barra minn hekk, il-Polonja tinsab ukoll imħassba sew dwar l-istruttura attwali tal-qafas tal-kontabbiltà b'rabta mal-mekkaniżmu ta' kumpens għal art forestali ġestita (Artikolu 11(1)) peress li ser iċċaħħad Stat Membru mill-possibbiltà li juża l-mekkaniżmu ta' flessibilità bejn is-setturi tal-LULUCF u l-ESR, soġġetti għall-Artikolu 7 u l-limiti definiti fl-Anness III tal-ESR. L-użu ta' unitajiet mill-mekkaniżmu ta' kumpens jimplika r-riżenja mill-użu tal-Artikolu 7 tar-Regolament dwar l-ESR.

Skont il-fehim tal-Polonja, dan jikkontradixxi l-intenzjoni inizjali li jissaħħaħ ir-rwol tas-settur tal-forestrija fl-implimentazzjoni tal-politika għall-klima tal-UE, peress li hemm riskju ġustifikat li l-kondizzjonijiet imsemmija hawn fuq għall-użu tal-mekkaniżmu ta' kumpens għal art forestali ġestita ġew speċifikati sabiex titnaqqas l-iskala tal-użu ta' limiti individwali fil-flessibbiltà ESR – LULUCF, li mbagħad għandha tikkostitwixxi element addizzjonali għaż-żieda tal-mira tat-tnaqqis. Dan ta' hawn fuq, flimkien mal-kondizzjoni li tinkiseb regola ta' ebda debitu fuq il-livell tal-UE, joħloq tħassib kbir, peress li s-sodisfazzjon ta' din il-kondizzjoni huwa ferm lil hinn mill-kontroll ta' Stat Membru partikolari, li fil-fehma tal-Polonja ma għandux isir.

**Dikjarazzjoni mill-Portugall**

Il-Portugall jaċċetta l-qbil li ntlaħaq bejn il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew. Madankollu nixtiequ nenfasizzaw li għad hemm tħassib dwar l-approċċ lejn dan is-settur.

Kif issottolinjajna mill-bidu ta' dan id-dibattitu, is-settur tal-LULUCF għandu jkun integrat bis-sħiħ fil-politika għall-klima b'mod li jindirizza u jipprovdi inċentivi għat-twettiq tat-tnaqqis reali tal-emissjonijiet u jippromwovi s-sekwestru tal-karbonju. Is-settur tal-LULUCF huwa kruċjali fit-twettiq tan-newtralità tal-karbonju prevista fil-Ftehim ta' Parigi u għall-objettiv tan-newtralità tal-karbonju tal-Portugall stess sal-2050.

Enfasizzajna wkoll mill-bidu l-opportunitajiet u l-perkorsi multipli biex tittejjeb sistema li ġiet żviluppata taħt arkitettura tal-Protokoll ta' Kjoto u li diġà wriet li hija kumplessa għalxejn u tassew limitata fil-promozzjoni ta' azzjoni reali.

L-eżitu finali jirriżulta f'ambigwità msaħħa, fost l-oħrajn fil-kalkolu tal-livelli ta' referenza tal-foresti. Huwa jmur 'l hinn mill-orjentazzjoni internazzjonali dwar il-kontabbiltà iżolata tal-injam mejjet.

Dawn iż-żewġ aspetti jintroduċu kumplessità f'dan ir-regolament u b'hekk jagħmluh aktar diffiċli biex ikun spjegat u jiġi implimentat.

Il-Portugall jissottolinja wkoll li l-kontabbiltà mandatorja għall-artijiet mistagħdra ser toħloq sforz sinifikanti għal għadd ta' Stati Membri li għalihom l-artijiet mistagħdra huma sors negliġibbli ta' emissjonijiet.

Aħna nemmnu li 'l hinn mill-2030 ser ikun possibbli li jsir titjib sinifikanti abbażi ta' dan il-mudell, billi jinbena fuq l-esperjenza tal-implimentazzjoni tiegħu u fuq approċċi tajbin oħra li issa qed jiġu segwiti minn pajjiżi oħra skont il-Ftehim ta' Parigi.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Regolament dwar il-qsim tal-isforz (ESR)*<br>Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)<br>ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26-42 | 3/18 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, minbarra:<br>Kontra: LT, MT<br>Astensjoni: LV, PL |

**Dikjarazzjoni mil-Litwanja**

Il-Litwanja tagħti appoġġ qawwi lill-Ftehim ta' Pariġi u lir-responsabbiltajiet klimatiċi komuni tal-UE. Il-Litwanja ser tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-impenji tal-UE u taqbel mal-mira nazzjonali tagħha tat-tnaqqis fl-emissjoni ta' gassijiet serra sal-2030 kif proposta fir-Regolament dwar il-qsim tal-isforz.

Is-setturi li ma jaqgħux taħt l-ETS fil-Litwanja jammontaw għal 66 % tat-total tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, bl-ogħla emissjonijiet ikunu tas-setturi tat-trasport u l-agrikoltura, jiġifieri 38 % u 35 %. Il-Litwanja għandha wieħed mill-aktar livelli baxxi ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra per capita u fl-2015 laħqet l-akbar tnaqqis ta' 58.2 % ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra meta mqabbel mal-livelli tal-1990 minn fost l-Istati Membri tal-UE[1]. Għal-Litwanja, il-mitigazzjoni tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra hija proċess fit-tul u kompitu li jeħtieġ tħejjija u riżorsi adegwati.

It-test ta' kompromess finali tar-Regolament dwar il-qsim tal-isforz fih għadd ta' elementi li huma aċċettabbli għal-Litwanja. Madankollu, it-tmexxija 'l quddiem tad-data ta' meta jibda l-perkors lineari għat-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra għal nofs l-2019 ser tobbliga lil-Litwanja taċċetta obbligi li huma ferm aktar eżiġenti minn dawk li lesta taċċetta.

Id-data aktar bikrija tal-bidu ser timponi fuq il-Litwanja impenji addizzjonali ta' mitigazzjoni, li fil-prattika ser ikunu kontroproduttivi biex il-mira tal-2030 tintlaħaq b'mod kosteffiċjenti.

Il-prijorità hija l-investiment f'miżuri ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima aktar milli l-użu ta' riżorsi limitati fix-xiri ta' allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet. Għalhekk, ma naraw l-ebda ġustifikazzjoni raġonevoli għal baġit strettissimu tal-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet diġà fil-bidu tal-perijodu li jmiss.

Il-Litwanja qajmet it-tħassib imsemmi hawn fuq matul in-negozjati kollha, iżda dan ma tqiesx. B'riżultat ta' dan, il-Litwanja mhix f'pożizzjoni li tappoġġa t-test ta' kompromess finali.

1 Sustainable development in the European Union MONITORING REPORT ON PROGRESS TOWARDS THE SDGS IN AN EU CONTEXT, Eurostat, Edizzjoni 2017, p. 263 http://ec.europa.eu/eurostat/documents/3217494/8461633/KS-04-17-780-EN-N.pdf/f7694981-6190-46fb-99d6-d092ce04083f

**Dikjarazzjoni minn Malta**

Malta tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha li tindirizza kwistjonijiet ta' klima bil-potenzjal kollu tagħha u li tikkontribwixxi għall-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi u l-mira tal-UE li sal-2030 jinkiseb tnaqqis fl-UE kollha fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra, f'setturi 'l barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-iskema tal-UE għan-negozjar ta' emissjonijiet, ta' 30 % meta mqabbel mal-livelli tal-2005.

Malta tapprezza l-isforz għal rikonoxximent tal-limitazzjonijiet speċifiċi tagħha fil-kisba ta' perkors diffiċli ħafna biex tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra minn setturi li ma jaqgħux taħt l-ETS mill-2013 sal-2030, permezz tal-inklużjoni ta' Malta fl-Anness IV tar-Regolament dwar il-Qsim tal-Isforzi. Madankollu Malta tqis li l-livell tal-aġġustament inkluż ma jindirizzax biżżejjed ir-realtà li Malta ser tħabbat wiċċha magħha fil-perijodu ta' wara l-2020 minħabba li hi l-Istat Membru:

- bl-inqas emissjonijiet ta' gassijiet serra per capita madwar l-UE kollha fis-setturi li ma jaqgħux taħt l-ETS;
- bi struttura ekonomika li mhijiex intensiva fl-użu tal-karbonju

L-isforz li Malta mistennija tagħmel skont dan ir-Regolament huwa meqjus sproporzjonat, anke billi Malta hija l-aktar emittent baxx f'termini assoluti u fuq bażi per capita.

Malta qajmet dan it-tħassib konsistentement matul il-proċess ta' negozjati u għalhekk, f'koerenza mal-pożizzjoni li kellha qabel, Malta mhix ser tappoġġa l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament għax iħalli lil dan l-Istat Membru jħabbat wiċċu ma' perkors diffiċli ħafna sal-2030.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Deċiżjoni dwar ir-rappurtar ambjentali*<br>Deċiżjoni (UE) 2018/853 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 li temenda r-Regolament (UE) Nru 1257/2013 u d-Direttivi 94/63/KE u 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kunsill 86/278/KEE u 87/217/KEE fir-rigward tar-regoli proċedurali fil-qasam tar-rappurtar ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE<br>ĠU L 150, 14.6.2018, p. 155-161 | 67/17 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

**Dikjarazzjoni mir-Repubblika Ċeka, il-Litwanja, il-Belġju u l-Ungerija**

Ir-Repubblika Ċeka, il-Litwanja, il-Belġju u l-Ungerija jixtiequ juru t-tħassib tagħhom dwar il-proċedura applikata rigward l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni dwar ir-Regolament dwar ir-Riċiklaġġ tal-Bastimenti. Il-bidla proposta fl-obbligi ta' rappurtar tikkostitwixxi estensjoni tal-obbligi ta' rappurtar imposti fuq l-Istati Membri u tmur lil hinn mill-emendi meħtieġa li jirriżultaw mit-tħassir tad-Direttiva 91/692/KEE. Għaldaqstant din l-emenda hija bidla fis-sustanza pjuttost milli aġġustament tekniku.

Ġie mwaqqaf Kumitat dwar ir-Regolament dwar ir-Riċiklaġġ tal-Bastimenti skont l-Artikolu 25 tar-Regolament dwar ir-Riċiklaġġ tal-Bastimenti sabiex jassisti lill-Kummissjoni. Madankollu, il-Kumitat la kien notifikat bil-proposta u lanqas ma ġie kkonsultat dwar it-tibdil propost. Jiddispjaċina li l-Kummissjoni ma kkonsultatx lill-esperti deżinjati dwar din il-kwistjoni, u nittamaw li fil-futur, kwistjonijiet tekniċi bħal dawn jiġu riferuti lill-kumitati rilevanti.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Direttiva dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija*<br>Direttiva (UE) 2018/844 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 li temenda d-Direttiva 2010/31/UE dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija u d-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)<br>ĠU L 156, 19.6.2018, p. 75-91 | 4/18 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, minbarra:<br>Kontra: SK<br>Astensjoni: HR, UK |

**Dikjarazzjoni mill-Iżvezja**

Il-bini jaqdi rwol dejjem aktar importanti fis-sistema tal-enerġija u l-Iżvezja kienet ġeneralment favur reviżjoni tad-Direttiva dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija biex il-bini jiġi integrat fis-sistema tal-enerġija b'kondizzjonijiet ibbażati fuq is-suq. Fil-fehma tagħna, il-vetturi elettriċi għandhom ikunu investiment sikur u l-ostakli għall-użu ta' vetturi elettriċi għandhom jitneħħew, pereżempju permezz ta' espansjoni tal-infrastruttura tal-iċċarġjar.

Madankollu, il-kompromess mal-Parlament Ewropew fl-Artikolu 8 2a li jeħtieġ l-istallazzjoni ta' għadd minimu ta' punti tal-iċċarġjar sal-1 ta' Jannar 2025 jirriskja jsir għoli ħafna, filwaqt li mhuwiex ċar kif il-ħtieġa tikkontribwixxi għal għanijiet stabbiliti jew twassal għal benefiċċji oħra. L-Iżvezja tieħu nota li d-dispożizzjoni twessgħet konsiderevolment, mhux biss għal binjiet ġodda u mhux residenzjali li jkun qed issirilhom rinnovazzjoni estensiva b'aktar minn għoxrin spazji ta' parkeġġ, iżda għall-binjiet kollha mhux residenzjali bħalhom. L-Iżvezja jiddispjaċiha ħafna li din id-dispożizzjoni ġiet inkluża mingħajr ma kienet permessa valutazzjoni tal-impatt tal-kostijiet u l-benefiċċji.

**Dikjarazzjoni mill-Ġermanja**

<u>Dwar l-Artikolu 10(6a) ġdid:</u>

Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10(6a) l-ġdid ma jimponu l-ebda obbligu li jiġu stabbiliti bażijiet ta' data għal ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija. Dan ifisser li l-bażijiet ta' data huma volontarji. Dan huwa konfermat mill-premessa 34.

<u>Dwar l-Anness I Nru 2</u>

Rigward l-enerġija fornuta permezz tal-portatur tal-enerġija (sorsi ta' enerġija imbiegħda), meta jikkalkulaw il-fatturi tal-enerġija primarja, l-Istati Membri jistgħu jqisu sorsi rinnovabbli b'tali mod li s-sehem tal-enerġija rinnovabbli fil-grilja nazzjonali kollha (enerġija mħallta) jittieħed bħala bażi. Rigward l-enerġija ġenerata u kkunsmata fil-post jew fil-viċinanza, l-Istati Membri jistgħu jivvalutaw is-sorsi tal-enerġija rinnovabbli individwalment meta jikkalkulaw il-fatturi tal-enerġija primarja għall-portaturi tal-enerġija.

**Dikjarazzjoni mil-Lussemburgu**

Il-Lussemburgu jilqa' l-ftehim dwar id-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija. Madankollu, il-Lussemburgu jqis l-istallazzjoni ta' punti tal-iċċarġjar għal karozzi elettriċi bħala prekondizzjoni għall-iżvilupp ta' dan is-settur. Għaldaqstant il-Lussemburgu jiddispjaċih ħafna għan-nuqqas ta' ambizzjoni ġenerali dwar il-punti tal-iċċarġjar għal karozzi elettriċi f'binjiet eżistenti u ġodda, pubbliċi kif ukoll privati, fit-test finali tad-direttiva.

**Dikjarazzjoni mill-Kroazja**

Ir-Repubblika tal-Kroazja ġeneralment tappoġġa l-objettivi tad-Direttiva riveduta dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija, il-viżjoni tad-dekarbonizzazzjoni tal-bini sal-2050, u ż-żieda fl-użu ta' teknoloġiji intelliġenti fl-istokk tal-bini tal-UE, flimkien mal-integrazzjoni tal-iżvilupp teknoloġiku u l-appoġġ tal-promozzjoni tal-elettromobbiltà.

Madankollu, ma nistgħux nappoġġaw id-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 14 (4) u l-Artikolu 15 (4) dwar l-istallazzjoni tal-awtomatizzazzjoni tal-bini u ta' sistemi ta' kontroll għall-binjiet mhux residenzjali kollha sal-2025. Nemmnu bis-sħiħ li din għandha tkun limitata biss għal bini mhux residenzjali ġdid u bini mhux residenzjali li jkun qed issirlu rinnovazzjoni estensiva b'output nominali ta' tisħin effettiv ta' aktar minn 290 kW għal sistemi ta' tisħin jew sistemi għal tisħin u ventilazzjoni tal-ispazju kkombinat, kif ukoll bini mhux residenzjali ġdid u bini mhux residenzjali li jkun qed issirlu rinnovazzjoni estensiva b'output nominali effettiv ta' aktar minn 290 kW għal sistemi tal-arja kondizzjonata jew sistemi tal-arja kondizzjonata u l-ventilazzjoni kkombinati, fejn ikun teknikament u ekonomikament fattibbli.

Il-Kroazja jiddispjaċiha ħafna li d-dispożizzjonijiet msemmija hawn fuq ġew inklużi mingħajr ma ttieħed kont tal-livell ottimali ta' ambizzjoni, l-istat tal-ekonomija u l-livelli differenti tal-iżvilupp teknoloġiku fl-Istati Membri. Għaldaqstant, il-Kroazja ser tastjeni f'dak li għandu x'jaqsam mal-adozzjoni tad-Direttiva riveduta dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija.

| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
|---|---|
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| *Deċiżjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE għall-Greċja, Spanja, Franza u l-Portugall*<br>Deċiżjoni (UE) 2018/846 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex tingħata assistenza lill-Greċja, Spanja, Franza u l-Portugall<br>ĠU L 144, 8.6.2018, p. 3-4 | 6496/18 |
| *Mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF/2017/010 BE/Caterpillar)*<br>Deċiżjoni (UE) 2016/847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-30 ta' Mejju 2018 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni wara l-applikazzjoni mill-Belġju — EGF/2017/010 BE/Caterpillar<br>ĠU L 144, 8.6.2018, p. 5-6 | 7858/18 |
| *Mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF/2018/000 TA 2018)*<br>Deċiżjoni (UE) 2018/845 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF/2018/000 TA 2018 — Għajnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni)<br>ĠU L 144, 8.6.2018, p. 1-2 | 7826/18 |
| *Konklużjonijiet dwar "Programmazzjoni tal-Iżvilupp Rurali: jeħtieġ li jkun hemm inqas kumplessità u aktar fokus fuq ir-riżultati" (RS tal-QtA Nru 16/2017)*<br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 16/2017 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Programmazzjoni tal-Iżvilupp Rurali: jeħtieġ li jkun hemm inqas kumplessità u aktar fokus fuq ir-riżultati" | 8755/18 |
| *Konklużjonijiet dwar "Ekoloġizzazzjoni: skema aktar kumplessa ta' appoġġ għall-introjtu, li għadha mhijiex ambjentalment effettiva" (RS tal-QtA Nru 21/2017)*<br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 21/2017 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Ekoloġizzazzjoni: skema aktar kumplessa ta' appoġġ għall-introjtu, li għadha mhijiex ambjentalment effettiva" | 8756/18 |

| | |
|---|---|
| *Rakkomandazzjoni dwar l-evalwazzjoni ta' Schengen - Estonja, ġestjoni tal-fruntieri esterni fuq l-art*<br>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2016 tal-Estonja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni fuq l-art | 8790/18 |
| *Rakkomandazzjoni dwar l-evalwazzjoni ta' Schengen - Portugall, ġestjoni tal-fruntieri esterni*<br>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2017 tal-applikazzjoni mill-Portugall tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni | 8791/18 |
| *Rakkomandazzjoni dwar l-evalwazzjoni ta' Schengen - Portugall, protezzjoni tad-data*<br>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2017 tal-Portugall dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-protezzjoni tad-data | 8792/18 |
| *Rakkomandazzjoni dwar l-evalwazzjoni ta' Schengen - Portugall, viżi*<br>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2017 tal-Portugall dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-politika komuni dwar il-viża | 8793/18 |
| *Rakkomandazzjoni dwar l-evalwazzjoni ta' Schengen - Portugall, ritorn*<br>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2017 tal-Portugall dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tar-ritorn | 8795/18 |
| *Rakkomandazzjoni dwar l-evalwazzjoni ta' Schengen - Malta, protezzjoni tad-data*<br>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2016 tar-Repubblika ta' Malta dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-protezzjoni tad-data | 8796/18 |

| | |
|---|---|
| *Rakkomandazzjoni dwar l-evalwazzjoni ta' Schengen - Żvezja, kooperazzjoni tal-pulizija*<br>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2017 tal-Iżvezja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija | 8797/18 |
| *Deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill dwar is-soġġettar tal-ADB-CHMINACA għal miżuri ta' kontroll*<br>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/747 tal-14 ta' Mejju 2018 li tissottoponi s-sustanza psikoattiva l-ġdida N-(1-ammino-3,3-dimetil-1-ossobutan-2-il)-1-(ċikloessilmetil)-1H-indażolu-3-karbossammid (ADB-CHMINACA) għal miżuri ta' kontroll<br>ĠU L 125, 22.5.2018, p. 8-9 | 5387/18 |
| *Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar is-soġġettar tal-CUMYL-4CN-BINACA għal miżuri ta' kontroll*<br>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/748 tal-14 ta' Mejju 2018 li tissottoponi s-sustanza psikoattiva ġdida 1-(4-cyanobutyl)-N-(2-fenilpropan-2-yl)-1H-indazol-3-karbossammid (CUMYL-4CN-BINACA) għal miżuri ta' kontroll<br>ĠU L 125, 22.5.2018, p. 10-11 | 5392/18 |
| *Relazzjonijiet mar-Repubblika tal-Iraq - Adeżjoni tal-Kroazja mal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni UE-Iraq*<br>*Deċiżjoni dwar l-iffirmar*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll tal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa waħda u r-Repubblika tal-Iraq, fuq in-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea | 15781/17 |

| | |
|---|---|
| *Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża - taħriġ relatat maċ-ċibersigurtà: Deċiżjoni*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/712 tal-14 ta' Mejju 2018 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/2382 li tistabbilixxi Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża (KESD)<br>ĠU L 119, 15.5.2018, p. 37-38 | 7541/18 |
| *L-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja - Transizzjoni għat-tieni stadju tal-Assoċjazzjoni*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/751 tal-14 ta' Mejju 2018 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni stabbilit bil-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u l-eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, min-naħa l-oħra, dwar it-transizzjoni għat-tieni stadju tal-Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u l-eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, min-naħa l-oħra, skont l-Artikolu 5(3) tal-Ftehim<br>ĠU L 126, 23.5.2018, p. 3-5 | 7325/18 |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-ftehim bejn l-UE u n-Norveġja dwar preferenzi kummerċjali addizzjonali fir-rigward ta' prodotti agrikoli*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/760 tal-14 ta' Mejju 2018 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja li jikkonċerna preferenzi kummerċjali addizzjonali fi prodotti agrikoli<br>ĠU L 129, 25.5.2018, p. 1-2 | 13357/17 |
| Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar preferenzi kummerċjali addizzjonali għal prodotti agrikoli<br>ĠU L 129, 25.5.2018, p. 3-15 | 13471/17 |

| | |
|---|---|
| *Tiġdid tal-Ftehim bejn l-Euratom u l-KEDO*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tinnegozja t-tiġdid tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) u l-Organizzazzjoni għall-Iżvilupp tal-Enerġija fil-Peniżola Koreana (KEDO) | 7884/18 |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE rigward il-Ftehim taż-Żona ta' Avjazzjoni Komuni Ewropea (ECAA)*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim Multilaterali bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ir-Repubblika tal-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika tal-Kroazja, l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, ir-Repubblika tal-Iżlanda, ir-Repubblika tal-Montenegro, ir-Renju tan-Norveġja, ir-Rumanija, ir-Repubblika tas-Serbja u l-Missjoni ta' Amministrazzjoni Temporanja tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Kosovo* dwar l-istabbiliment ta' Żona ta' Avjazzjoni Komuni Ewropea fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt<br>* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mar-Riżoluzzjoni 1244 (1999) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u l-Opinjoni tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo. | 8054/18 |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar pożizzjoni tal-UE għall-Kumitat tas-Sikurezza Marittima tal-OMI (id-99 sessjoni) rigward is-sigurtà għall-vapuri tal-passiġġieri*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/752 tal-14 ta' Mejju 2018 dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fid-99 sessjoni tal-Kumitat tas-Sikurezza Marittima tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali, dwar l-adozzjoni ta' emendi għar-Regolamenti SOLAS II-1/1 u II-1/8-1, fir-rigward tal-approvazzjoni ta' linji gwida assoċjati dwar l-informazzjoni operattiva għall-kaptani f'każ ta' għargħar għall-vapuri tal-passiġġieri li nbnew qabel l-1 ta' Jannar 2014 u dwar l-adozzjoni tal-emendi tal-Kodiċi Internazzjonali għall-Applikazzjoni ta' Proċeduri tal-Ittestjar tan-Nirien, 2010<br>ĠU L 126, 23.5.2018, p. 6-7 | 7361/18 |

| | |
|---|---|
| *Deċiżjoni tal-Kunsill li tiddenunzja l-Ftehim ta' Sħubija mal-Unjoni ta' Comoros*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/757 tal-14 ta' Mejju 2018 li tiddenunzja l-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u l-Unjoni tal-Comoros<br>ĠU L 128, 24.5.2018, p. 13-15 | 14423/17 |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Protokoll dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/754 tal-14 ta' Mejju 2018 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius<br>ĠU L 128, 24.5.2018, p. 1-3 | 12476/17 |
| *Miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea - Deċiżjoni u Regolament ta' Implimentazzjoni*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/715 tal-14 ta' Mejju 2018 li timplimenta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea<br>ĠU L 120, 16.5.2018, p. 4-7 | 6993/18 |
| *Miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea - Deċiżjoni u Regolament ta' Implimentazzjoni*<br>Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/714 tal-14 ta' Mejju 2018 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/1509 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea<br>ĠU L 120, 16.5.2018, p. 1-3 | 6995/18 |
| *EUTM Mali - Deċiżjoni*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/716 tal-14 ta' Mejju 2018 li temenda u testendi d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/34/PESK dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati tal-Mali (EUTM Mali)<br>ĠU L 120, 16.5.2018, p. 8-9 | 7500/18 |

| | |
|---|---|
| *EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA - Deċiżjoni*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/778 tat-18 ta' Mejju 2015 dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fin-Nofsinhar tal-Mediterran Ċentrali (EUNAVFOR MED)<br>ĠU L 122, 19.5.2015, p. 31-35 | 7708/18 |
| *Miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna - listi ġodda - Deċiżjoni u Regolament ta' Implimentazzjoni*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/706 tal-14 ta' Mejju 2018 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna<br>ĠU L 118I , 14.5.2018, p. 3-4 | 7646/18 |
| *Miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna - listi ġodda - Deċiżjoni u Regolament ta' Implimentazzjoni*<br>Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/705 tal-14 ta' Mejju 2018 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna<br>ĠU L 118I , 14.5.2018, p. 1-2 | 7648/18 |
| *Traspożizzjoni ta' miżuri restrittivi min-NU fuq il-Libja Mejju 2018 - Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni*<br>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/713 tal-14 ta' Mejju 2018 li timplimenta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja<br>ĠU L 119, 15.5.2018, p. 39-40 | 8635/18 |

| It-3617-il laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Edukazzjoni, Żgħażagħ, Kultura u Sport) li saret fi Brussell fit-22 u t-23 ta' Mejju 2018 | | | |
|---|---|---|---|
| ATTI LEĠISLATTIVI | | | |
| ATT | DOKUMENT | REGOLA TAL-VOT | VOTI |
| *Pakkett dwar l-iskart: Direttiva dwar l-iskart*<br>Direttiva (UE) 2018/851 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 li temenda d-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)<br>ĠU L 150, 14.6.2018, p. 109-140 | 11/18 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur; minbarra:<br>Astensjoni: HU, PT |

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar qafas ta' politika għall-ekonomija ċirkolari**

"Il-Kummissjoni hija impenjata li tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa tal-pjan ta' azzjoni tal-UE għall-Ekonomija Ċirkolari[1]. Biex jinżamm rekord tal-progress lejn l-ekonomija ċirkolari, il-Kummissjoni adottat qafas ta' monitoraġġ[2] li jibni fuq il-Valutazzjoni tal-Effiċjenza tar-Riżorsi u tal-Materja Prima eżistenti. Il-Kummissjoni tiġbed l-attenzjoni wkoll lejn il-ħidma tagħha li għadha għaddejja dwar indikatur tal-impatt għall-prodotti u l-organizzazzjonijiet.

L-azzjonijiet meħuda skont il-pjan ta' azzjoni tal-UE għall-Ekonomija Ċirkolari jikkontribwixxu wkoll biex jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni dwar il-konsum u l-produzzjoni sostenibbli, fil-kuntest tal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli Nru 12. Dan huwa l-każ, pereżempju, tal-istrateġija dwar il-plastik [3] jew tal-proposta reċentement emendata dwar il-garanzija legali għall-prodotti tal-konsumatur[4].

F'dak li jirrigwarda l-konsistenza bejn l-oqfsa regolatorji tal-Unjoni, il-Kummissjoni dan l-aħħar adottat ukoll Komunikazzjoni li tistabbilixxi l-għażliet biex tiġi indirizzata l-interfaċċa bejn il-leġislazzjoni tas-sustanzi kimiċi, il-prodotti u l-iskart[5]. Fl-2018, il-Kummissjoni se teżamina wkoll għażliet u azzjonijiet għal qafas ta' politika aktar koerenti għal-linji ta' ħidma differenti dwar il-politika tal-prodotti tal-UE fil-kontribut tagħhom lejn l-ekonomija ċirkolari. L-interazzjonijiet bejn il-leġislazzjoni u l-kooperazzjoni tal-industrija dwar l-użu ta' prodotti sekondarji u l-preparazzjoni għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-iskart ser jiġu wkoll ikkunsidrati fil-qafas ta' dawn l-inizjattivi u s-segwitu tagħhom.

Fir-rigward tal-ekodisinn, il-Kummissjoni, skont il-Pjan ta' Ħidma tal-Ekodisinn għas-snin 2016-2019[6], tikkonferma l-impenn qawwi tagħha biex jiġi żgurat li l-ekodisinn joffri kontribut aktar sinifikanti lill-ekonomija ċirkolari, pereżempju billi jindirizza b'mod aktar sistematiku l-kwistjonijiet tal-effiċjenza tal-materjali bħad-durabbiltà u r-riċiklabbiltà.

[1] COM(2015) 614 final
[2] COM(2018) 29 final
[3] COM (2018) 28 final
[4] COM(2017) 637 final
[5] COM (2018) 32 final
[6] COM(2016) 773 final

| |
|---|
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-inizjattivi għall-ekonomija kollaborattiva**<br>Skont il-Pjan ta' Azzjoni għall-Ekonomija Ċirkolari[7], il-Kummissjoni nediet għadd ta' inizjattivi dwar l-ekonomija kollaborattiva. Kif imħabbar fil-Komunikazzjoni tagħha dwar aġenda Ewropea għall-ekonomija kollaborattiva[8] f'Ġunju 2016, il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja l-iżviluppi ekonomiċi u regolatorji tal-ekonomija kollaborattiva, bil-ħsieb li tħeġġeġ l-iżvilupp ta' mudelli ta' negozju ġodda u innovattivi, filwaqt li tiżgura protezzjoni tal-konsumatur u protezzjoni soċjali adegwata.<br>7 COM(2015) 614 final<br>8 COM(2016) 356 final |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-mikroplastik**<br>Fil-kuntest tal-Istrateġija Ewropea għall-Plastiks adottata reċentement fl-Ekonomija Ċirkolari[9], il-Kummissjoni ressqet approċċ ta' strateġija integrata biex tindirizza t-tħassib dwar il-mikroplastik, inkluż l-ingredjenti tal-mikrożibeġ. Dan jiffoka fuq azzjonijiet preventivi u għandu l-għan li jnaqqas ir-rilaxx tal-mikroplastik mis-sorsi ewlenin kollha – kemm jekk minn prodotti li fihom huma intenzjonalment miżjuda (bħal prodotti għall-kura personali u ż-żebgħa) jew minn dawk li joriġinaw mill-produzzjoni jew użu ta' prodotti oħrajn (bħall-plastik osso, it-tajers, il-gerbub tal-plastik, u t-tessuti).<br>9 COM (2018) 28 final |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar ir-rieżami tar-regolament dwar il-vjeġġi tal-iskart u dwar il-materjali tat-tmiem tal-iskart**<br>Fil-kuntest tar-rieżami ppjanat tar-Regolament (UE) Nru 1013/2006 dwar il-vjeġġi ta' skart li jridu jitwettqu sal-aħħar tal-2020, il-Kummissjoni se tikkunsidra l-fattibbiltà li jkunu previsti miżuri ulterjuri rigward il-vjeġġi ta' materjali tat-tmiem tal-iskart fejn il-kriterji tat-tmiem tal-iskart ma jkunux ġew stabbiliti fil-livell tal-Unjoni skont l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart. |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar miżuri biex jiġi żgurat li jsir it-trattament tal-iskart qabel ir-rimi f'landfill**<br>Skont l-Artikolu 6(a) tad-Direttiva 1999/31/KE dwar ir-rimi ta' skart f'landfill, l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw li fil-landfill jiġi mitfugħ biss skart li jkun ġie soġġett għat-trattament, filwaqt li jiżguraw li tali miżuri ma jikkompromettux il-ksib tal-objettivi tad-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart (id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart) kif riveduta, b'mod partikolari fir-rigward tal-ġerarkija tal-iskart, il-ġbir separat tal-iskart u l-miri ta' tħejjija għal użu mill-ġdid u għar-riċiklaġġ, kif stabbilit f'dik id-Direttiva.<br>Filwaqt li tibni fuq l-iskambju ta' fehmiet li seħħ waqt il-laqgħa tal-Grupp ta' Esperti dwar id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart li saret fit-30 ta' Ġunju 2017 u fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-kawża C-323/13, fix-xhur li ġejjin il-Kummissjoni se tintensifika d-djalogu tagħha mal-Istati Membri fir-rigward tal-miżuri ta' politika li jridu jittieħdu f'dan il-qasam. |

| |
|---|
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-proċedura ta' adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni**<br><br>Il-Kummissjoni ssostni li l-invokazzjoni tal-punt b) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(4) b'mod sistematiku, tmur kontra l-kliem u t-tifsira tar-Regolament 182/2011 (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13). Ir-rikors għal din id-dispożizzjoni għandu jittieħed f'każ ta' ħtieġa speċifika li wieħed jiddevja mir-regola ta' prinċipju li hija li l-Kummissjoni *tista'* tadotta abbozz ta' att ta' implimentazzjoni meta ma tingħata l-ebda opinjoni. Meta wieħed iqis li din hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali stabbilita fl-Artikolu 5(4) ir-rikors għat-tieni subparagrafu tal-punt b ma jistax jidher sempliċement bħala "setgħa diskrezzjonali" tal-Leġislatur, iżda għandu jiġi interpretat b'mod ristrett u għaldaqstant għandu jiġi ġustifikat. |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar id-disponibbiltà tad-data u l-obbligi ta' rappurtar**<br><br>Bil-ħsieb li jkun monitorat il-progress lejn il-miri ġodda għall-iskart muniċipali u l-iskart mill-imballaġġ, u fid-dawl tal-klawsoli ta' rieżami rilevanti, b'mod partikolari biex jiġu stabbiliti miri għall-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel u r-riċiklaġġ ta' żjut għar-rimi, il-Kummissjoni tissottolinja l-importanza tal-fehim komuni li ntlaħaq bejn il-koleġislaturi li l-Istati Membri ser jiżguraw li r-rapportar ta' data taħt id-Direttivi 2008/98/KE dwar l-iskart, 94/62/KE dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ u 1999/31/KE dwar ir-rimi ta' skart f'landfill kif emendati, ser ikopri s-sena 2020. |
| **Dikjarazzjoni mill-Polonja**<br><br>**Frekwenza tar-rapportar mill-Istati Membri**<br><br>Il-Polonja nnotat b'dispjaċir l-informazzjoni li tikkonċerna ż-żieda fil-frekwenza tar-rapportar mill-Istati Membri.<br><br>L-abbozzi ta' direttivi jżidu l-frekwenza tar-rapportar mill-Istati Membri minn sentejn għal kull sena, li qatt ma ġiet aċċettata fil-mandat. Is-soluzzjonijiet imressqa jirrappreżentaw piż amministrattiv sinifikanti għall-Istati Membri. Il-Polonja appoġġat il-mandat f'Mejju 2017 bil-kondizzjoni li jittieħed kont tat-talba tal-Polonja rigward il-frekwenza tar-rapportar. |

**Dikjarazzjoni mill-Portugall**

Il-Portugall huwa impenjat bis-sħiħ lejn l-objettivi tal-ekonomija ċirkolari, u jagħraf li kull ma jmur tinħtieġ azzjoni minn qabel biex tippromwoviha. F'dan ir-rigward, il-Portugall jagħraf l-importanza ta' dan il-ftehim għall-ambjent u għall-ekonomija, kif ukoll li jikkonferma r-rwol ewlieni tal-UE f'dan il-qasam. Madankollu, huwa jista' jesprimi biss in-nuqqas ta' sodisfazzjon konsiderevoli tiegħu bis-soluzzjoni li ntgħażlet fl-aħħar mill-aħħar, fir-rigward tar-rekwiżit għal ġbir separat ta' bijoskart fl-2023 u l-eliminazzjoni gradwali korrispondenti tat-trattamenti mekkaniċi u bijoloġiċi fl-2027, li la jqis iċ-ċirkostanzi nazzjonali u lanqas l-investimenti li saru bl-appoġġ tal-UE, u b'hekk qed iwitti t-triq għal ksur potenzjali tad-dispożizzjonijiet adottati peress li l-miri li ġew stabbiliti jeħtieġu li jsiru bidliet strateġiċi fil-politika u li t-teknoloġija jinstabilha użu ġdid. It-tnedija ta' sistemi ta' ġbir separat ta' bijoskart madwar il-pajjiż kollu, li żżid il-ħtieġa għal appoġġ mill-pubbliku, ser tkun diffiċli ħafna fi ħdan dak il-perijodu ta' żmien.

Għal darba oħra l-konformità ma' dawn id-dispożizzjonijiet teħtieġ sforz finanzjarju sostanzjali, liema impatt ser ikun akbar anqas ma jkun il-perijodu taż-żmien konċess biex isiru l-aġġustamenti assoċjati. Din il-kwistjoni għandha titqies kif dovut fid-definizzjoni tal-appoġġ tal-UE għal investimenti ġodda assoċjati ma' dan it-tip ta' intervent. Barra minn hekk, it-test konsolidat tal-erba' proposti leġislattivi jmur lil hinn mill-ftehim proviżorju f'oqsma li huma ta' interess prinċipali għall-Portugall, b'mod partikolari fir-rigward l-istabbiliment ta' miri interim ġodda fl-2024 u r-reviżjoni possibbli ta' miri oħra għal flussi u frazzjonijiet speċifiċi, bħal skart tal-kostruzzjoni u tat-twaqqigħ (CDW), tessuti, skart kummerċjali u skart industrijali mhux perikoluż, kif ukoll miri għall-użu mill-ġdid ta' skart muniċipali.

Barra minn hekk, huwa jipprevedi atti delegati adottati mill-Kummissjoni Ewropea biex ikunu definiti kwistjonijiet strateġiċi b'rabta mal-applikazzjoni tal-liġi, u tibqa' l-inċertezza rigward id-definizzjoni tal-operazzjonijiet ta' trattament, b'impatt fuq il-kalkolu tal-miri relatati mat-tħejjija għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ u l-irkupru.

Għaldaqstant nikkunsidraw li l-objettivi sottostanti li jkunu armonizzati l-proċeduri u tkun promossa l-komparabbiltà tad-data, li huma l-pilastri li jappoġġaw ir-reviżjoni ta' dawn id-direttivi, huma mminati b'mod serju.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Portugall jastjeni milli jivvota dwar il-proposta leġislattiva attwali.

**Dikjarazzjoni mill-Greċja**

Il-Greċja tappoġġa l-kompromess ġenerali miksub waqt in-negozjati għall-"Pakkett dwar l-Iskart", filwaqt li tirrikonoxxi l-isforzi enormi li saru biex jintlaħaq qbil, kif ukoll l-importanza tal-pakkett fi ħdan il-Pakkett dwar l-Ekonomija Ċirkolari.

Madankollu, ġew inklużi għadd ta' dispożizzjonijiet importanti tul in-negozjati li mhumiex legalment koerenti, jew li mhumiex ibbażati fuq valutazzjoni tal-impatt xierqa, b'mod partikolari:

L-Art. 9(1) l-inċiż 9 u l-Art.9(1a) dwar l-interfaċċja bejn REACH u l-iskart, kif ukoll in-nuqqas ta' referenza għall-Art. 10(2) u 10(3) tal-WFD fi:
Art. 11(1) dwar id-demolizzjoni selettiva,
Art. 18.3 dwar l-iskart perikoluż imħallat,
Art. 20 dwar il-ġbir separat tal-iskart perikoluż domestiku u
Art. 22(1) dwar il-bijoskart

Fil-fehma tagħna, l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija x'aktarx tirriżulta daqstant ta' sfida fil-prattika għan-negozji, l-amministrazzjoni pubblika u għaċ-ċittadini, li ser tkun saħansitra kontroproduttiva fir-rigward tal-objettiv ġenerali tal-promozzjoni tal-ekonomija ċirkolari b'mod sostenibbli.

Barra minn hekk, aħna tal-opinjoni li r-responsabbiltà finanzjarja sħiħa għandha tintrefa' mis-sistemi EPR u ninnotaw li 10% tal-miri tal-landfill tal-iskart muniċipali sa 2035/2040 ma tikkunsidrax b'mod suffiċjenti l-kondizzjonijiet soċjali differenti jew id-densità tal-popolazzjoni u l-karatteristiċi bejn l-Istati Membri u inevitabilment twassal għal aktar inċinerazzjoni, li huwa eżitu subottimali.

Barra minn hekk, inħeġġu lill-Kummissjoni biex tindirizza b'mod sistematiku u koerenti il-karatteristiċi speċifiċi ta' gżejjer remoti żgħar bħala parti mill-miżuri ta' implimentazzjoni tal-pakkett u notevolment tad-Direttiva dwar il-Landfills riveduta kif ukoll tal-Art. 10(1) sa 10(3) u tad-dispożizzjonijiet relatati msemmija hawn qabel.

**Dikjarazzjoni mill-Finlandja**

Il-Finlandja tappoġġa l-għanijiet u l-objettivi kif ukoll il-kompromess ġenerali dwar il-"Pakkett dwar l-Iskart", li jwitti t-triq għal żieda fir-riċiklaġġ u tisħiħ tal-ekonomija ċirkolari.

Madankollu, il-Finlandja tixtieq ittenni t-tħassib tagħha dwar l-inkonsistenzi tal-miri ġenerali ta' riċiklaġġ għall-iskart mill-imballaġġ fir-rigward tal-miri speċifiċi għall-materjal tiegħu (Artikolu 6, paragrafu 1, punti (f) u (h) tad-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ).

Aktar preċiżament, il-Finlandja tqis li t-tnaqqis fil-miri speċifiċi għall-materjali ma kinux riflessi suffiċjentement fil-miri ġenerali ta' riċiklaġġ. Meta mqabbel mal-proposta tal-Kummissjoni, pereżempju, il-mira tar-riċiklaġġ għall-iskart mill-imballaġġ tal-injam tnaqqset b'35 punti perċentwali (minn 60% sa 25%) fl-2025 u sa 45 punti perċentwali (minn 75% sa 30%) fl-2030. Minkejja dan, il-mira ġenerali għall-2025 baqgħet l-istess (65%) fil-proposta tal-Kummissjoni, u l-mira għall-2030 tnaqqset b'ħames punti perċentwali biss (minn 75% għal 70%).

Il-Finlandja tqis ukoll li l-miri inġenerali tar-riċiklaġġ għall-iskart mill-imballaġġ ma jqisux b'mod suffiċjenti l-fatt li l-abbiltà tal-Istati Membri li jilħqu l-miri tiddependi b'mod sinifikanti fuq il-proporzjon ta' ċertu materjali tal-imballaġġ li jintużaw. F'dan ir-rigward, il-ftehim finali mhuwiex partikolarment favorevoli għal dawk l-Istati Membri fejn l-użu tal-imballaġġ tal-injam huwa mifrux u fejn il-proporzjon tal-iskart tal-imballaġġ tal-injam mill-ammont totali ta' skart mill-imballaġġ huwa sinifikanti.

Għal dawk l-Istati Membri, il-miri inġenerali tar-riċiklaġġ jistgħu jintlaħqu biss fil-prattika jekk ir-rati ta' riċiklaġġ għall-iskart mill-imballaġġ tal-injam jistgħu jiżdiedu għal livelli li huma b'mod ċar aktar mill-miri speċifiċi għall-materjal. Anke riċiklaġġ estremament effiċjenti ta' materjali oħra ta' skart mill-imballaġġ (jiġifieri ħafna ogħla mill-miri ta' riċiklaġġ speċifiċi għall-materjali tagħhom) ma jistax jagħmel tajjeb għar-rata aktar baxxa ta' riċiklaġġ għall-imballaġġ tal-injam. Dan huwa kontradittorju minħabba li l-miri tar-riċiklaġġ għall-iskart mill-imballaġġ tal-injam ġew stabbiliti apposta f'livell aktar baxx minħabba l-potenzjal limitat ta' riċiklaġġ.

Konsegwentement, u għal darb' oħra filwaqt li tisħaq fuq l-impenn u l-appoġġ għall-għanijiet u l-objettivi tal-pakkett dwar l-iskart, il-Finlandja jiddispjaċiha li l-miri ġenerali vinkolanti ta' riċiklaġġ għall-iskart mill-imballaġġ jittrattaw lill-Istati Membri b'mod mhux indaqs skont il-proporzjoni ta' ċerti materjali tal-imballaġġ użati b'rabta mal-ammont totali tal-materjali ta' imballaġġ kollha.

**Dikjarazzjonijiet mill-Ġermanja**

**<u>Ġbir separat</u>**

1. L-Artikolu 10(2) tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart (WFD) attwali jistipula li, biex ikun hemm konformità mar-rekwiżit ta' rkupru skont l-Artikolu 10(1), l-iskart irid jinġabar b'mod separat "jekk dan ikun teknikament, ambjentalment u ekonomikament prattikabbli". L-emenda għall-Artikolu 10(2) maqbula fit-trilogu neħħiet din id-dispożizzjoni u ssostitwietha fl-Artikolu 10(3) ġdid bi klawsola speċjali ta' deroga li taħtha Stat Membru jista' jippermetti derogi mir-rekwiżit ta' ġbir separat soġġett għal ċertu kondizzjonijiet. Din l-emenda għall-Artikolu 10 tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart mhux biss għandha impatt fuq l-obbligi diretti fuq il-produtturi u detenturi, iżda taffettwa wkoll l-obbligu tal-Istati Membri li jiżguraw ġbir separat ta' ċerti skart, jilħqu kwoti ta' riċiklaġġ (Artikolu 11 tal-WFD) u jiġbru bijoskart separatament (Artikolu 22 tal-WFD).

   Il-Ġermanja tappoġġa l-objettivi insegwiti mill-WFD għall-kisba ta' ekonomija ċirkolari sostenibbli kemm fil-livell tal-UE u dak nazzjonali. Dawk kollha kkonċernati għandhom jieħdu sehem fl-isforzi biex tinkiseb ekonomija ċirkolari; għaldaqstant, l-ekonomija ċirkolari teħtieġ bażi legali soda. Il-Ġermanja tindika li, irrispettivament mill-klawżola tad-deroga fl-Artikolu 10(3) tad-WFD, kemm it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea kif ukoll id-dritt kostituzzjonali Ġermaniż jistipulaw li obbligi legali vinkolanti, speċjalment obbligi għall-ġbir separat jistgħu jiġu imposti biss fuq il-produtturi u d-detenturi tal-iskart jekk ikunu proporzjonali, jiġifieri xierqa, meħtieġa u adatti bil-ħsieb li jtejbu r-riċiklaġġ.

2. L-istess japplika għall-projbizzjoni ġdida fuq l-inċinerazzjoni tal-iskart miġbur separatament skont l-Artikolu 10(3a) (ġdid) tal-WFD u l-projbizzjoni fuq ir-rimi f'landfills ta' tali skart skont il-punt (f) ġdid tal-Artikolu 5(3) tad-Direttiva dwar il-Landfills. Dawn il-projbizzjonijiet jistgħu jiġu imposti biss fuq il-produtturi u d-detenturi jekk ikunu proporzjonali. Minbarra dan, l-Artikolu 13 tad-WFD jirrikjedi li l-ġestjoni ta' tali skart titwettaq mingħajr ma tiġi pperikolata s-saħħa tal-bniedem u mingħajr ma ssir ħsara lill-ambjent.

**Rigward l-obbligu li l-ECHA tingħata informazzjoni dwar l-artikoli (l-Artikolu 9(1)(i) u l-Artikolu 9(2) tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart)**

Id-dispożizzjoni li ddaħħlet fid-disa' inċiż tal-Artikolu 9(1)(i) u fl-Artikolu 9(2) matul il-fażi finali tan-negozjati tat-trilogu, li tipprevedi li l-artikli li jkun fihom sustanzi ta' tħassib serju ħafna fit-tifsira tar-Regolament REACH għandhom jiġu inklużi f'bażi tad-data fl-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA), tqajjem għadd ta' mistoqsijiet dettaljati li għandhom jiġu ċċarati sabiex l-Istati Membri jistgħu jfasslu regolamenti li jżommu mal-miri tad-dispożizzjoni. Pereżempju, hemm bżonn ta' kjarifika dwar kif jiġu identifikati l-oġġetti kkonċernati b'tali mod li jkunu jistgħu jiddaħħlu fil-bażi ċentrali f'forma li jkunu jistgħu jinstabu faċilment. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet komuni jeħtieġ jitfasslu biex jittrattaw mas-sottomissjonijiet ta' data għal wieħed u l-istess artikolu li huma mistennija fi kwantitajiet kbar riżultat tal-estensjoni tal-obbligi lill-fornituri kollha matul il-katina ta' provvista.

B'dispjaċir, il-Ġermanja hija tal-fehma li din id-dispożizzjoni, li ser tirrikjedi sforz konsiderevoli mill-partijiet kollha, ġiet inkluża fl-abbozz mingħajr it-tħejjija xierqa f'termini ta' kontenut jew il-valutazzjoni tal-impatt xierqa meħtieġa għal kwistjoni kumplessa bħal din. Il-Ġermanja tista' taqbel biss bil-ħsieb tal-kompromess ġenerali milħuq fil-proċedura tat-trilogu. Il-Ġermanja titlob li l-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mal-ECHA bħala l-korp responsabbli għaż-żamma tal-bażi tad-data, tispeċifika d-dettalji preċiżi meħtieġa biex l-ECHA u l-Istati Membri jkunu jistgħu jimplimentaw id-dispożizzjoni b'mod xieraq filwaqt li l-piż tax-xogħol ikun limitat għall-minimu meħtieġ. Jekk il-Kummissjoni tkun tal-fehma li dan jeħtieġ emendi supplementari għad-dritt tal-Unjoni, il-Kummissjoni hija mitluba tippreżenta abbozz ta' dispożizzjonijiet għal dan l-għan.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Pakkett dwar l-iskart: Direttiva dwar l-ELV/Batteriji/WEEE*<br>Direttiva (UE) 2018/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 li temenda d-Direttivi 2000/53/KE dwar vetturi li m'għadhomx jintużaw, 2006/66/KE dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi, u 2012/19/UE dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)<br>ĠU L 150, 14.6.2018, p. 93-99 | 9/18 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur; minbarra:<br>Astensjoni: HU |

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar qafas ta' politika għall-ekonomija ċirkolari**

Il-Kummissjoni hija impenjata li tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa tal-pjan ta' azzjoni tal-UE għall-Ekonomija Ċirkolari[10]. Biex jinżamm rekord tal-progress lejn l-ekonomija ċirkolari, il-Kummissjoni adottat qafas ta' monitoraġġ[11] li jibni fuq il-Valutazzjoni tal-Effiċjenza tar-Riżorsi u tal-Materja Prima eżistenti. Il-Kummissjoni tiġbed l-attenzjoni wkoll lejn il-ħidma tagħha li għadha għaddejja dwar indikatur tal-impatt għall-prodotti u l-organizzazzjonijiet.

L-azzjonijiet meħuda skont il-pjan ta' azzjoni tal-UE għall-Ekonomija Ċirkolari jikkontribwixxu wkoll biex jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni dwar il-konsum u l-produzzjoni sostenibbli, fil-kuntest tal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli Nru 12. Dan huwa l-każ, pereżempju, tal-istrateġija dwar il-plastik [12] jew tal-proposta reċentement emendata dwar il-garanzija legali għall-prodotti tal-konsumatur[13].

F'dak li jirrigwarda l-konsistenza bejn l-oqfsa regolatorji tal-Unjoni, il-Kummissjoni dan l-aħħar adottat ukoll Komunikazzjoni li tistabbilixxi l-għażliet biex tiġi indirizzata l-interfaċċa bejn il-leġislazzjoni tas-sustanzi kimiċi, il-prodotti u l-iskart[14]. Fl-2018, il-Kummissjoni se teżamina wkoll għażliet u azzjonijiet għal qafas ta' politika aktar koerenti għal-linji ta' ħidma differenti dwar il-politika tal-prodotti tal-UE fil-kontribut tagħhom lejn l-ekonomija ċirkolari. L-interazzjonijiet bejn il-leġislazzjoni u l-kooperazzjoni tal-industrija dwar l-użu ta' prodotti sekondarji u l-preparazzjoni għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-iskart ser jiġu wkoll ikkunsidrati fil-qafas ta' dawn l-inizjattivi u s-segwitu tagħhom.

Fir-rigward tal-ekodisinn, il-Kummissjoni, skont il-Pjan ta' Ħidma tal-Ekodisinn għas-snin 2016-2019[15], tikkonferma l-impenn qawwi tagħha biex jiġi żgurat li l-ekodisinn joffri kontribut aktar sinifikanti lill-ekonomija ċirkolari, pereżempju billi jindirizza b'mod aktar sistematiku l-kwistjonijiet tal-effiċjenza tal-materjali bħad-durabbiltà u r-riċiklabbiltà.

10 COM(2015) 614 final
11 COM(2018) 29 final
12 COM (2018) 28 final
13 COM(2017) 637 final
14 COM (2018) 32 final
15 COM(2016) 773 final

| |
|---|
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-inizjattivi għall-ekonomija kollaborattiva**<br><br>Skont il-Pjan ta' Azzjoni għall-Ekonomija Ċirkolari[16], il-Kummissjoni nediet għadd ta' inizjattivi dwar l-ekonomija kollaborattiva. Kif imħabbar fil-Komunikazzjoni tagħha dwar aġenda Ewropea għall-ekonomija kollaborattiva[17] f'Ġunju 2016, il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja l-iżviluppi ekonomiċi u regolatorji tal-ekonomija kollaborattiva, bil-ħsieb li tħeġġeġ l-iżvilupp ta' mudelli ta' negozju ġodda u innovattivi, filwaqt li tiżgura protezzjoni tal-konsumatur u protezzjoni soċjali adegwata.<br><br>16 COM(2015) 614 final<br>17 COM(2016) 356 final |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-mikroplastik**<br><br>"Fil-kuntest tal-Istrateġija Ewropea għall-Plastiks adottata reċentement fl-Ekonomija Ċirkolari[18], il-Kummissjoni ressqet approċċ ta' strateġija integrata biex tindirizza t-tħassib dwar il-mikroplastik, inkluż l-ingredjenti tal-mikrożibeġ. Dan jiffoka fuq azzjonijiet preventivi u għandu l-għan li jnaqqas ir-rilaxx tal-mikroplastik mis-sorsi ewlenin kollha – kemm jekk minn prodotti li fihom huma intenzjonalment miżjuda (bħal prodotti għall-kura personali u ż-żebgħa) jew minn dawk li joriġinaw mill-produzzjoni jew użu ta' prodotti oħrajn (bħall-plastik osso, it-tajers, il-gerbub tal-plastik, u t-tessuti).<br><br>18 COM (2018) 28 final |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar ir-rieżami tar-regolament dwar il-vjaġġi tal-iskart u dwar il-materjali tat-tmiem tal-iskart**<br><br>Fil-kuntest tar-rieżami ppjanat tar-Regolament (UE) Nru 1013/2006 dwar il-vjeġġi ta' skart li jridu jitwettqu sal-aħħar tal-2020, il-Kummissjoni se tikkunsidra l-fattibbiltà li jkunu previsti miżuri ulterjuri rigward il-vjeġġi ta' materjali tat-tmiem tal-iskart fejn il-kriterji tat-tmiem tal-iskart ma jkunux ġew stabbiliti fil-livell tal-Unjoni skont l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart. |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar miżuri biex jiġi żgurat li jsir it-trattament tal-iskart qabel ir-rimi f'landfill**<br><br>Skont l-Artikolu 6(a) tad-Direttiva 1999/31/KE dwar ir-rimi ta' skart f'landfill, l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw li fil-landfill jiġi mitfugħ biss skart li jkun ġie soġġett għat-trattament, filwaqt li jiżguraw li tali miżuri ma jikkompromettux il-ksib tal-objettivi tad-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart (id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart) kif reveduta, b'mod partikolari fir-rigward tal-ġerarkija tal-iskart, il-ġbir separat tal-iskart u l-miri ta' tħejjija għal użu mill-ġdid u għar-riċiklaġġ, kif stabbilit f'dik id-Direttiva.<br><br>Filwaqt li tibni fuq l-iskambju ta' fehmiet li seħħ waqt il-laqgħa tal-Grupp ta' Esperti dwar id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart li saret fit-30 ta' Ġunju 2017 u fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-kawża C-323/13, fix-xhur li ġejjin il-Kummissjoni se tintensifika d-djalogu tagħha mal-Istati Membri fir-rigward tal-miżuri ta' politika li jridu jittieħdu f'dan il-qasam. |

| |
|---|
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-proċedura ta' adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni**<br><br>Il-Kummissjoni ssostni li l-invokazzjoni tal-Artikolu 5§4, is-subparagrafu 2, il-punt b) b'mod sistematiku, tmur kontra l-kliem u t-tifsira tar-Regolament 182/2011 (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13). Ir-rikors għal din id-dispożizzjoni għandu jittieħed f'każ ta' ħtieġa speċifika li wieħed jiddevja mir-regola ta' prinċipju li hija li l-Kummissjoni *tista'* tadotta abbozz ta' att ta' implimentazzjoni meta ma tingħata l-ebda opinjoni. Meta wieħed iqis li din hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali stabbilita fl-Artikolu 5(4) ir-rikors għat-tieni subparagrafu tal-punt b ma jistax jidher sempliċement bħala "setgħa diskrezzjonali" tal-Leġislatur, iżda għandu jiġi interpretat b'mod ristrett u għaldaqstant għandu jiġi ġustifikat. |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar id-disponibbiltà tad-data u l-obbligi ta' rapportar**<br><br>Bil-ħsieb li jkun monitorat il-progress lejn il-miri ġodda għall-iskart muniċipali u l-iskart mill-imballaġġ, u fid-dawl tal-klawsoli ta' rieżami rilevanti, b'mod partikolari biex jiġu stabbiliti miri għall-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel u r-riċiklaġġ ta' żjut għar-rimi, il-Kummissjoni tissottolinja l-importanza tal-fehim komuni li ntlaħaq bejn il-koleġislaturi li l-Istati Membri ser jiżguraw li r-rapportar ta' data taħt id-Direttivi 2008/98/KE dwar l-iskart, 94/62/KE dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ u 1999/31/KE dwar ir-rimi ta' skart f'landfill kif emendati, ser ikopri s-sena 2020. |
| **Dikjarazzjoni mill-Polonja**<br><br>**Frekwenza tar-rapportar mill-Istati Membri**<br><br>Il-Polonja nnotat b'dispjaċir l-informazzjoni li tikkonċerna ż-żieda fil-frekwenza tar-rapportar mill-Istati Membri.<br><br>L-abbozzi ta' direttivi jżidu l-frekwenza tar-rapportar mill-Istati Membri minn sentejn għal kull sena, li qatt ma ġiet aċċettata fil-mandat. Is-soluzzjonijiet imressqa jirrappreżentaw piż amministrattiv sinifikanti għall-Istati Membri. Il-Polonja appoġġat il-mandat f'Mejju 2017 bil-kondizzjoni li jittieħed kont tat-talba tal-Polonja rigward il-frekwenza tar-rapportar. |

**Dikjarazzjoni mill-Greċja**

Il-Greċja tappoġġa l-kompromess ġenerali miksub waqt in-negozjati għall-"Pakkett dwar l-Iskart", filwaqt li tirrikonoxxi l-isforzi enormi li saru biex jintlaħaq qbil, kif ukoll l-importanza tal-pakkett fi ħdan il-Pakkett dwar l-Ekonomija Ċirkolari.

Madankollu, ġew inklużi għadd ta' dispożizzjonijiet importanti tul in-negozjati li mhumiex legalment koerenti, jew li mhumiex ibbażati fuq valutazzjoni tal-impatt xierqa, b'mod partikolari:

L-Art. 9(1) l-inċiż 9 u l-Art.9(1a) dwar l-interfaċċja bejn REACH u l-iskart, kif ukoll in-nuqqas ta' referenza għall-Art. 10(2) u 10(3) tal-WFD fi:
Art. 11(1) dwar id-demolizzjoni selettiva,
Art. 18.3 dwar l-iskart perikoluż imħallat,
Art. 20 dwar il-ġbir separat tal-iskart perikoluż domestiku u
Art. 22(1) dwar il-bijoskart

Fil-fehma tagħna, l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija x'aktarx tirriżulta daqstant ta' sfida fil-prattika għan-negozji, l-amministrazzjoni pubblika u għaċ-ċittadini, li ser tkun saħansitra kontroproduttiva fir-rigward tal-objettiv inġenerali tal-promozzjoni tal-ekonomija ċirkolari b'mod sostenibbli.

Barra minn hekk, aħna tal-opinjoni li r-responsabbiltà finanzjarja sħiħa għandha tintrefa' mis-sistemi EPR u ninnotaw li 10% tal-miri tal-landfill tal-iskart muniċipali sa 2035/2040 ma tikkunsidrax b'mod suffiċjenti l-kondizzjonijiet soċjali differenti jew id-densità tal-popolazzjoni u l-karatteristiċi bejn l-Istati Membri u inevitabilment twassal għal aktar inċinerazzjoni, li huwa eżitu subottimali.

Barra minn hekk, inħeġġu lill-Kummissjoni biex tindirizza b'mod sistematiku u koerenti il-karatteristiċi speċifiċi ta' gżejjer remoti żgħar bħala parti mill-miżuri ta' implimentazzjoni tal-pakkett u notevolment tad-Direttiva dwar il-Landfills riveduta kif ukoll tal-Art. 10(1) sa 10(3) u tad-dispożizzjonijiet relatati msemmija hawn qabel.

**Dikjarazzjoni mill-Finlandja**

Il-Finlandja tappoġġa l-għanijiet u l-objettivi kif ukoll il-kompromess ġenerali dwar il-"Pakkett dwar l-Iskart", li jwitti t-triq għal żieda fir-riċiklaġġ u tisħiħ tal-ekonomija ċirkolari.

Madankollu, il-Finlandja tixtieq ittenni t-tħassib tagħha dwar l-inkonsistenzi tal-miri ġenerali ta' riċiklaġġ għall-iskart mill-imballaġġ fir-rigward tal-miri speċifiċi għall-materjal tiegħu (Artikolu 6, paragrafu 1, punti (f) u (h) tad-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ).

Aktar preċiżament, il-Finlandja tqis li t-tnaqqis fil-miri speċifiċi għall-materjali ma kinux riflessi suffiċjentement fil-miri ġenerali ta' riċiklaġġ. Meta mqabbel mal-proposta tal-Kummissjoni, pereżempju, il-mira tar-riċiklaġġ għall-iskart mill-imballaġġ tal-injam tnaqqset b'35 punti perċentwali (minn 60% sa 25%) fl-2025 u sa 45 punti perċentwali (minn 75% sa 30%) fl-2030. Minkejja dan, il-mira ġenerali għall-2025 baqgħet l-istess (65%) fil-proposta tal-Kummissjoni, u l-mira għall-2030 tnaqqset b'ħames punti perċentwali biss (minn 75% għal 70%).

Il-Finlandja tqis ukoll li l-miri inġenerali tar-riċiklaġġ għall-iskart mill-imballaġġ ma jqisux b'mod suffiċjenti l-fatt li l-abbiltà tal-Istati Membri li jilħqu l-miri tiddependi b'mod sinifikanti fuq il-proporzjon ta' ċertu materjali tal-imballaġġ li jintużaw. F'dan ir-rigward, il-ftehim finali mhuwiex partikolarment favorevoli għal dawk l-Istati Membri fejn l-użu tal-imballaġġ tal-injam huwa mifrux u fejn il-proporzjon tal-iskart tal-imballaġġ tal-injam mill-ammont totali ta' skart mill-imballaġġ huwa sinifikanti.

Għal dawk l-Istati Membri, il-miri inġenerali tar-riċiklaġġ jistgħu jintlaħqu biss fil-prattika jekk ir-rati ta' riċiklaġġ għall-iskart mill-imballaġġ tal-injam jistgħu jiżdiedu għal livelli li huma b'mod ċar aktar mill-miri speċifiċi għall-materjal. Anke riċiklaġġ estremament effiċjenti ta' materjali oħra ta' skart mill-imballaġġ (jiġifieri ħafna ogħla mill-miri ta' riċiklaġġ speċifiċi għall-materjali tagħhom) ma jistax jagħmel tajjeb għar-rata aktar baxxa ta' riċiklaġġ għall-imballaġġ tal-injam. Dan huwa kontradittorju minħabba li l-miri tar-riċiklaġġ għall-iskart mill-imballaġġ tal-injam ġew stabbiliti apposta f'livell aktar baxx minħabba l-potenzjal limitat ta' riċiklaġġ.

Konsegwentement, u għal darb' oħra filwaqt li tisħaq fuq l-impenn u l-appoġġ għall-għanijiet u l-objettivi tal-pakkett dwar l-iskart, il-Finlandja jiddispjaċiha li l-miri ġenerali vinkolanti ta' riċiklaġġ għall-iskart mill-imballaġġ jittrattaw lill-Istati Membri b'mod mhux indaqs skont il-proporzjoni ta' ċerti materjali tal-imballaġġ użati b'rabta mal-ammont totali tal-materjali ta' imballaġġ kollha.

**Dikjarazzjonijiet mill-Ġermanja**

**<u>Ġbir separat</u>**

1. L-Artikolu 10(2) tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart (WFD) attwali jistipula li, biex ikun hemm konformità mar-rekwiżit ta' rkupru skont l-Artikolu 10(1), l-iskart irid jinġabar b'mod separat "jekk dan ikun teknikament, ambjentalment u ekonomikament prattikabbli". L-emenda għall-Artikolu 10(2) maqbula fit-trilogu neħħiet din id-dispożizzjoni u ssostitwietha fl-Artikolu 10(3) ġdid bi klawsola speċjali ta' deroga li taħtha Stat Membru jista' jippermetti derogi mir-rekwiżit ta' ġbir separat soġġett għal ċertu kondizzjonijiet. Din l-emenda għall-Artikolu 10 tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart mhux biss għandha impatt fuq l-obbligi diretti fuq il-produtturi u detenturi, iżda taffettwa wkoll l-obbligu tal-Istati Membri li jiżguraw ġbir separat ta' ċerti skart, jilħqu kwoti ta' riċiklaġġ (Artikolu 11 tal-WFD) u jiġbru bijoskart separatament (Artikolu 22 tal-WFD).

   Il-Ġermanja tappoġġa l-objettivi insegwiti mill-WFD għall-kisba ta' ekonomija ċirkolari sostenibbli kemm fil-livell tal-UE u dak nazzjonali. Dawk kollha kkonċernati għandhom jieħdu sehem fl-isforzi biex tinkiseb ekonomija ċirkolari; għaldaqstant, l-ekonomija ċirkolari teħtieġ bażi legali soda. Il-Ġermanja tindika li, irrispettivament mill-klawżola tad-deroga fl-Artikolu 10(3) tad-WFD, kemm it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea kif ukoll id-dritt kostituzzjonali Ġermaniż jistipulaw li obbligi legali vinkolanti, speċjalment obbligi għall-ġbir separat jistgħu jiġu imposti biss fuq il-produtturi u d-detenturi tal-iskart jekk ikunu proporzjonali, jiġifieri xierqa, meħtieġa u adatti bil-ħsieb li jtejbu r-riċiklaġġ.

2. L-istess japplika għall-projbizzjoni ġdida fuq l-inċinerazzjoni tal-iskart miġbur separatament skont l-Artikolu 10(3a) (ġdid) tal-WFD u l-projbizzjoni fuq ir-rimi f'landfills ta' tali skart skont il-punt (f) ġdid tal-Artikolu 5(3) tad-Direttiva dwar il-Landfills. Dawn il-projbizzjonijiet jistgħu jiġu imposti biss fuq il-produtturi u d-detenturi jekk ikunu proporzjonali. Minbarra dan, l-Artikolu 13 tad-WFD jirrikjedi li l-ġestjoni ta' tali skart titwettaq mingħajr ma tiġi pperikolata s-saħħa tal-bniedem u mingħajr ma ssir ħsara lill-ambjent.

| |
|---|
| **<u>Rigward l-obbligu li l-ECHA tingħata informazzjoni dwar l-artikoli (l-Artikolu 9(1)(i) u l-Artikolu 9(2) tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart)</u>**<br><br>Id-dispożizzjoni li ddaħħlet fid-disa' inċiż tal-Artikolu 9(1)(i) u fl-Artikolu 9(2) matul il-fażi finali tan-negozjati tat-trilogu, li tipprevedi li l-artikli li jkun fihom sustanzi ta' tħassib serju ħafna fit-tifsira tar-Regolament REACH għandhom jiġu inklużi f'bażi tad-data fl-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA), tqajjem għadd ta' mistoqsijiet dettaljati li għandhom jiġu ċċarati sabiex l-Istati Membri jistgħu jfasslu regolamenti li jżommu mal-miri tad-dispożizzjoni. Pereżempju, hemm bżonn ta' kjarifika dwar kif jiġu identifikati l-oġġetti kkonċernati b'tali mod li jkunu jistgħu jiddaħħlu fil-bażi ċentrali f'forma li jkunu jistgħu jinstabu faċilment. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet komuni jeħtieġ jitfasslu biex jittrattaw mas-sottomissjonijiet ta' data għal wieħed u l-istess artikolu li huma mistennija fi kwantitajiet kbar riżultat tal-estensjoni tal-obbligi lill-fornituri kollha matul il-katina ta' provvista.<br><br>B'dispjaċir, il-Ġermanja hija tal-fehma li din id-dispożizzjoni, li ser tirrikjedi sforz konsiderevoli mill-partijiet kollha, ġiet inkluża fl-abbozz mingħajr it-tħejjija xierqa f'termini ta' kontenut jew il-valutazzjoni tal-impatt xierqa meħtieġa għal kwistjoni kumplessa bħal din. Il-Ġermanja tista' taqbel biss bil-ħsieb tal-kompromess ġenerali milħuq fil-proċedura tat-trilogu. Il-Ġermanja titlob li l-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mal-ECHA bħala l-korp responsabbli għaż-żamma tal-bażi tad-data, tispeċifika d-dettalji preċiżi meħtieġa biex l-ECHA u l-Istati Membri jkunu jistgħu jimplimentaw id-dispożizzjoni b'mod xieraq filwaqt li l-piż tax-xogħol ikun limitat għall-minimu meħtieġ. Jekk il-Kummissjoni tkun tal-fehma li dan jeħtieġ emendi supplementari għad-dritt tal-Unjoni, il-Kummissjoni hija mitluba tippreżenta abbozz ta' dispożizzjonijiet għal dan l-għan. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Pakkett dwar l-iskart: Direttiva dwar ir-Rimi ta' skart f'landfills*<br>Direttiva (UE) 2018/850 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 li temenda d-Direttiva 1999/31/KE dwar ir-rimi ta' skart f'landfills (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)<br>ĠU L 150, 14.6.2018, p. 100-108 | 10/18 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur; minbarra:<br>Astensjoni: HU |

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar qafas ta' politika għall-ekonomija ċirkolari**

Il-Kummissjoni hija impenjata li tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa tal-pjan ta' azzjoni tal-UE għall-Ekonomija Ċirkolari[19]. Biex jinżamm rekord tal-progress lejn l-ekonomija ċirkolari, il-Kummissjoni adottat qafas ta' monitoraġġ[20] li jibni fuq il-Valutazzjoni tal-Effiċjenza tar-Riżorsi u tal-Materja Prima eżistenti. Il-Kummissjoni tiġbed l-attenzjoni wkoll lejn il-ħidma tagħha li għadha għaddejja dwar indikatur tal-impatt għall-prodotti u l-organizzazzjonijiet.

L-azzjonijiet meħuda skont il-pjan ta' azzjoni tal-UE għall-Ekonomija Ċirkolari jikkontribwixxu wkoll biex jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni dwar il-konsum u l-produzzjoni sostenibbli, fil-kuntest tal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli Nru 12. Dan huwa l-każ, pereżempju, tal-istrateġija dwar il-plastik[21] jew tal-proposta reċentement emendata dwar il-garanzija legali għall-prodotti tal-konsumatur[22].

F'dak li jirrigwarda l-konsistenza bejn l-oqfsa regolatorji tal-Unjoni, il-Kummissjoni dan l-aħħar adottat ukoll Komunikazzjoni li tistabbilixxi l-għażliet biex tiġi indirizzata l-interfaċċa bejn il-leġislazzjoni tas-sustanzi kimiċi, il-prodotti u l-iskart[23]. Fl-2018, il-Kummissjoni se teżamina wkoll għażliet u azzjonijiet għal qafas ta' politika aktar koerenti għal-linji ta' ħidma differenti dwar il-politika tal-prodotti tal-UE fil-kontribut tagħhom lejn l-ekonomija ċirkolari. L-interazzjonijiet bejn il-leġislazzjoni u l-kooperazzjoni tal-industrija dwar l-użu ta' prodotti sekondarji u l-preparazzjoni għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-iskart ser jiġu wkoll ikkunsidrati fil-qafas ta' dawn l-inizjattivi u s-segwitu tagħhom.

Fir-rigward tal-ekodisinn, il-Kummissjoni, skont il-Pjan ta' Ħidma tal-Ekodisinn għas-snin 2016-2019[24], tikkonferma l-impenn qawwi tagħha biex jiġi żgurat li l-ekodisinn joffri kontribut aktar sinifikanti lill-ekonomija ċirkolari, pereżempju billi jindirizza b'mod aktar sistematiku l-kwistjonijiet tal-effiċjenza tal-materjali bħad-durabbiltà u r-riċiklabbiltà.

[19] COM(2015) 614 final
[20] COM(2018) 29 final
[21] COM (2018) 28 final
[22] COM(2017) 637 final
[23] COM (2018) 32 final
[24] COM(2016) 773 final

| |
|---|
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-inizjattivi għall-ekonomija kollaborattiva**<br>Skont il-Pjan ta' Azzjoni għall-Ekonomija Ċirkolari[25], il-Kummissjoni nediet għadd ta' inizjattivi dwar l-ekonomija kollaborattiva. Kif imħabbar fil-Komunikazzjoni tagħha dwar aġenda Ewropea għall-ekonomija kollaborattiva[26] f'Ġunju 2016, il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja l-iżviluppi ekonomiċi u regolatorji tal-ekonomija kollaborattiva, bil-ħsieb li tħeġġeġ l-iżvilupp ta' mudelli ta' negozju ġodda u innovattivi, filwaqt li tiżgura protezzjoni tal-konsumatur u protezzjoni soċjali adegwata.<br>25 COM(2015) 614 final<br>26 COM(2016) 356 final |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-mikroplastik**<br>Fil-kuntest tal-istrateġija Ewropea għall-Plastiks adottata reċentement fl-Ekonomija Ċirkolari[27], il-Kummissjoni ressqet approċċ ta' strateġija integrata biex tindirizza t-tħassib dwar il-mikroplastik, inkluż l-ingredjenti tal-mikrożibeġ. Dan jiffoka fuq azzjonijiet preventivi u għandu l-għan li jnaqqas ir-rilaxx tal-mikroplastik mis-sorsi ewlenin kollha – kemm jekk minn prodotti li fihom huma intenzjonalment miżjuda (bħal prodotti għall-kura personali u ż-żebgħa) jew minn dawk li joriġinaw mill-produzzjoni jew użu ta' prodotti oħrajn (bħall-plastik osso, it-tajers, il-gerbub tal-plastik, u t-tessuti).<br>27 COM (2018) 28 final |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar ir-rieżami tar-regolament dwar il-vjeġġi tal-iskart u dwar il-materjali tat-tmiem tal-iskart**<br>Fil-kuntest tar-rieżami ppjanat tar-Regolament (UE) Nru 1013/2006 dwar il-vjeġġi ta' skart li jridu jitwettqu sal-aħħar tal-2020, il-Kummissjoni se tikkunsidra l-fattibbiltà li jkunu previsti miżuri ulterjuri rigward il-vjeġġi ta' materjali tat-tmiem tal-iskart fejn il-kriterji tat-tmiem tal-iskart ma jkunux ġew stabbiliti fil-livell tal-Unjoni skont l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart. |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar miżuri biex jiġi żgurat li jsir it-trattament tal-iskart qabel ir-rimi f'landfill**<br>Skont l-Artikolu 6(a) tad-Direttiva 1999/31/KE dwar ir-rimi ta' skart f'landfill, l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw li fil-landfill jiġi mitfugħ biss skart li jkun ġie soġġett għat-trattament, filwaqt li jiżguraw li tali miżuri ma jikkompromettux il-ksib tal-objettivi tad-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart (id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart) kif riveduta, b'mod partikolari fir-rigward tal-ġerarkija tal-iskart, il-ġbir separat tal-iskart u l-miri ta' tħejjija għal użu mill-ġdid u għar-riċiklaġġ, kif stabbilit f'dik id-Direttiva.<br>Filwaqt li tibni fuq l-iskambju ta' fehmiet li seħħ waqt il-laqgħa tal-Grupp ta' Esperti dwar id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart li saret fit-30 ta' Ġunju 2017 u fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-kawża C-323/13, fix-xhur li ġejjin il-Kummissjoni se tintensifika d-djalogu tagħha mal-Istati Membri fir-rigward tal-miżuri ta' politika li jridu jittieħdu f'dan il-qasam. |

| |
|---|
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-proċedura ta' adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni**<br>Il-Kummissjoni ssostni li l-invokazzjoni tal-punt b) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(4) b'mod sistematiku, tmur kontra l-kliem u t-tifsira tar-Regolament 182/2011 (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13). L-użu ta' din id-dispożizzjoni għandu jsir biss meta jkun hemm bżonn speċifiku li wieħed jiddevja mir-regola ta' prinċipju, li hija li l-Kummissjoni tista' tadotta abbozz ta' att ta' implimentazzjoni meta ma tingħata l-ebda opinjoni. Meta wieħed iqis li din hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali stabbilita fl-Artikolu 5(4) ir-rikors għat-tieni subparagrafu tal-punt b ma jistax jidher sempliċement bħala "setgħa diskrezzjonali" tal-Leġislatur, iżda għandu jiġi interpretat b'mod ristrett u għaldaqstant għandu jiġi ġustifikat. |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar id-disponibbiltà tad-data u l-obbligi ta' rappurtar**<br>Bil-ħsieb li jkun monitorat il-progress lejn il-miri ġodda għall-iskart muniċipali u l-iskart mill-imballaġġ, u fid-dawl tal-klawsoli ta' rieżami rilevanti, b'mod partikolari biex jiġu stabbiliti miri għall-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel u r-riċiklaġġ ta' żjut għar-rimi, il-Kummissjoni tissottolinja l-importanza tal-fehim komuni li ntlaħaq bejn il-koleġislaturi li l-Istati Membri ser jiżguraw li r-rapportar ta' data taħt id-Direttivi 2008/98/KE dwar l-iskart, 94/62/KE dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ u 1999/31/KE dwar ir-rimi ta' skart f'landfill kif emendati, ser ikopri s-sena 2020. |
| **Dikjarazzjoni mill-Polonja**<br>**Frekwenza tar-rapportar mill-Istati Membri**<br>Il-Polonja nnotat b'dispjaċir l-informazzjoni li tikkonċerna ż-żieda fil-frekwenza tar-rapportar mill-Istati Membri.<br>L-abbozzi ta' direttivi jżidu l-frekwenza tar-rapportar mill-Istati Membri minn sentejn għal kull sena, li qatt ma ġiet aċċettata fil-mandat. Is-soluzzjonijiet imressqa jirrappreżentaw piż amministrattiv sinifikanti għall-Istati Membri. Il-Polonja appoġġat il-mandat f'Mejju 2017 bil-kondizzjoni li jittieħed kont tat-talba tal-Polonja rigward il-frekwenza tar-rapportar. |

**Dikjarazzjoni mill-Greċja**

Il-Greċja tappoġġa l-kompromess ġenerali miksub waqt in-negozjati għall-"Pakkett dwar l-Iskart", filwaqt li tirrikonoxxi l-isforzi enormi li saru biex jintlaħaq qbil, kif ukoll l-importanza tal-pakkett fi ħdan il-Pakkett dwar l-Ekonomija Ċirkolari.

Madankollu, ġew inklużi għadd ta' dispożizzjonijiet importanti tul in-negozjati li mhumiex legalment koerenti, jew li mhumiex ibbażati fuq valutazzjoni tal-impatt xierqa, b'mod partikolari:

L-Art. 9(1) l-inċiż 9 u l-Art.9(1a) dwar l-interfaċċja bejn REACH u l-iskart, kif ukoll in-nuqqas ta' referenza għall-Art. 10(2) u 10(3) tal-WFD fi:
Art. 11(1) dwar id-demolizzjoni selettiva,
Art. 18.3 dwar l-iskart perikoluż imħallat,
Art. 20 dwar il-ġbir separat tal-iskart perikoluż domestiku u
Art. 22(1) dwar il-bijoskart

Fil-fehma tagħna, l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija x'aktarx tirriżulta daqstant ta' sfida fil-prattika għan-negozji, l-amministrazzjoni pubblika u għaċ-ċittadini, li ser tkun saħansitra kontroproduttiva fir-rigward tal-objettiv ġenerali tal-promozzjoni tal-ekonomija ċirkolari b'mod sostenibbli.

Barra minn hekk, aħna tal-opinjoni li r-responsabbiltà finanzjarja sħiħa għandha tintrefa' mis-sistemi EPR u ninnotaw li 10% tal-miri tal-landfill tal-iskart muniċipali sa 2035/2040 ma tikkunsidrax b'mod suffiċjenti l-kondizzjonijiet soċjali differenti jew id-densità tal-popolazzjoni u l-karatteristiċi bejn l-Istati Membri u inevitabilment twassal għal aktar inċinerazzjoni, li huwa eżitu subottimali.

Barra minn hekk, inħeġġu lill-Kummissjoni biex tindirizza b'mod sistematiku u koerenti il-karatteristiċi speċifiċi ta' gżejjer remoti żgħar bħala parti mill-miżuri ta' implimentazzjoni tal-pakkett u notevolment tad-Direttiva dwar il-Landfills riveduta kif ukoll tal-Art. 10(1) sa 10(3) u tad-dispożizzjonijiet relatati msemmija hawn qabel.

**Dikjarazzjoni mill-Finlandja**

Il-Finlandja tappoġġa l-għanijiet u l-objettivi kif ukoll il-kompromess ġenerali dwar il-"Pakkett dwar l-Iskart", li jwitti t-triq għal żieda fir-riċiklaġġ u tisħiħ tal-ekonomija ċirkolari.

Madankollu, il-Finlandja tixtieq ittenni t-tħassib tagħha dwar l-inkonsistenzi tal-miri ġenerali ta' riċiklaġġ għall-iskart mill-imballaġġ fir-rigward tal-miri speċifiċi għall-materjal tiegħu (Artikolu 6, paragrafu 1, punti (f) u (h) tad-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ).

Aktar preċiżament, il-Finlandja tqis li t-tnaqqis fil-miri speċifiċi għall-materjali ma kinux riflessi suffiċjentement fil-miri ġenerali ta' riċiklaġġ. Meta mqabbel mal-proposta tal-Kummissjoni, pereżempju, il-mira tar-riċiklaġġ għall-iskart mill-imballaġġ tal-injam tnaqqset b'35 punti perċentwali (minn 60% sa 25%) fl-2025 u sa 45 punti perċentwali (minn 75% sa 30%) fl-2030. Minkejja dan, il-mira ġenerali għall-2025 baqgħet l-istess (65%) fil-proposta tal-Kummissjoni, u l-mira għall-2030 tnaqqset b'ħames punti perċentwali biss (minn 75% għal 70%).

Il-Finlandja tqis ukoll li l-miri inġenerali tar-riċiklaġġ għall-iskart mill-imballaġġ ma jqisux b'mod suffiċjenti l-fatt li l-abbiltà tal-Istati Membri li jilħqu l-miri tiddependi b'mod sinifikanti fuq il-proporzjon ta' ċertu materjali tal-imballaġġ li jintużaw. F'dan ir-rigward, il-ftehim finali mhuwiex partikolarment favorevoli għal dawk l-Istati Membri fejn l-użu tal-imballaġġ tal-injam huwa mifrux u fejn il-proporzjon tal-iskart tal-imballaġġ tal-injam mill-ammont totali ta' skart mill-imballaġġ huwa sinifikanti.

Għal dawk l-Istati Membri, il-miri inġenerali tar-riċiklaġġ jistgħu jintlaħqu biss fil-prattika jekk ir-rati ta' riċiklaġġ għall-iskart mill-imballaġġ tal-injam jistgħu jiżdiedu għal livelli li huma b'mod ċar aktar mill-miri speċifiċi għall-materjal. Anke riċiklaġġ estremament effiċjenti ta' materjali oħra ta' skart mill-imballaġġ (jiġifieri ħafna ogħla mill-miri ta' riċiklaġġ speċifiċi għall-materjali tagħhom) ma jistax jagħmel tajjeb għar-rata aktar baxxa ta' riċiklaġġ għall-imballaġġ tal-injam. Dan huwa kontradittorju minħabba li l-miri tar-riċiklaġġ għall-iskart mill-imballaġġ tal-injam ġew stabbiliti apposta f'livell aktar baxx minħabba l-potenzjal limitat ta' riċiklaġġ.

Konsegwentement, u għal darb' oħra filwaqt li tisħaq fuq l-impenn u l-appoġġ għall-għanijiet u l-objettivi tal-pakkett dwar l-iskart, il-Finlandja jiddispjaċiha li l-miri ġenerali vinkolanti ta' riċiklaġġ għall-iskart mill-imballaġġ jittrattaw lill-Istati Membri b'mod mhux indaqs skont il-proporzjoni ta' ċerti materjali tal-imballaġġ użati b'rabta mal-ammont totali tal-materjali ta' imballaġġ kollha.

**Dikjarazzjonijiet mill-Ġermanja**

**<u>Ġbir separat</u>**

1. L-Artikolu 10(2) tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart (WFD) attwali jistipula li, biex ikun hemm konformità mar-rekwiżit ta' rkupru skont l-Artikolu 10(1), l-iskart irid jinġabar b'mod separat "jekk dan ikun teknikament, ambjentalment u ekonomikament prattikabbli". L-emenda għall-Artikolu 10(2) maqbula fit-trilogu neħħiet din id-dispożizzjoni u ssostitwietha fl-Artikolu 10(3) ġdid bi klawsola speċjali ta' deroga li taħtha Stat Membru jista' jippermetti derogi mir-rekwiżit ta' ġbir separat soġġett għal ċertu kondizzjonijiet. Din l-emenda għall-Artikolu 10 tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart mhux biss għandha impatt fuq l-obbligi diretti fuq il-produtturi u detenturi, iżda taffettwa wkoll l-obbligu tal-Istati Membri li jiżguraw ġbir separat ta' ċerti skart, jilħqu kwoti ta' riċiklaġġ (Artikolu 11 tal-WFD) u jiġbru bijoskart separatament (Artikolu 22 tal-WFD).

   Il-Ġermanja tappoġġa l-objettivi insegwiti mill-WFD għall-kisba ta' ekonomija ċirkolari sostenibbli kemm fil-livell tal-UE u dak nazzjonali. Dawk kollha kkonċernati għandhom jieħdu sehem fl-isforzi biex tinkiseb ekonomija ċirkolari; għaldaqstant, l-ekonomija ċirkolari teħtieġ bażi legali soda. Il-Ġermanja tindika li, irrispettivament mill-klawżola tad-deroga fl-Artikolu 10(3) tad-WFD, kemm it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea kif ukoll id-dritt kostituzzjonali Ġermaniż jistipulaw li obbligi legali vinkolanti, speċjalment obbligi għall-ġbir separat jistgħu jiġu imposti biss fuq il-produtturi u d-detenturi tal-iskart jekk ikunu proporzjonali, jiġifieri xierqa, meħtieġa u adatti bil-ħsieb li jtejbu r-riċiklaġġ.

2. L-istess japplika għall-projbizzjoni ġdida fuq l-inċinerazzjoni tal-iskart miġbur separatament skont l-Artikolu 10(3a) (ġdid) tal-WFD u l-projbizzjoni fuq ir-rimi f'landfills ta' tali skart skont il-punt (f) ġdid tal-Artikolu 5(3) tad-Direttiva dwar il-Landfills. Dawn il-projbizzjonijiet jistgħu jiġu imposti biss fuq il-produtturi u d-detenturi jekk ikunu proporzjonali. Minbarra dan, l-Artikolu 13 tad-WFD jirrikjedi li l-ġestjoni ta' tali skart titwettaq mingħajr ma tiġi pperikolata s-saħħa tal-bniedem u mingħajr ma ssir ħsara lill-ambjent.

**Rigward l-obbligu li l-ECHA tingħata informazzjoni dwar l-artikoli (l-Artikolu 9(1)(i) u l-Artikolu 9(2) tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart)**

Id-dispożizzjoni li ddaħħlet fid-disa' inċiż tal-Artikolu 9(1)(i) u fl-Artikolu 9(2) matul il-fażi finali tan-negozjati tat-trilogu, li tipprevedi li l-artikli li jkun fihom sustanzi ta' tħassib serju ħafna fit-tifsira tar-Regolament REACH għandhom jiġu inklużi f'bażi tad-data fl-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA), tqajjem għadd ta' mistoqsijiet dettaljati li għandhom jiġu ċċarati sabiex l-Istati Membri jistgħu jfasslu regolamenti li jżommu mal-miri tad-dispożizzjoni. Pereżempju, hemm bżonn ta' kjarifika dwar kif jiġu identifikati l-oġġetti kkonċernati b'tali mod li jkunu jistgħu jiddaħħlu fil-bażi ċentrali f'forma li jkunu jistgħu jinstabu faċilment. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet komuni jeħtieġ jitfasslu biex jittrattaw mas-sottomissjonijiet ta' data għal wieħed u l-istess artikolu li huma mistennija fi kwantitajiet kbar riżultat tal-estensjoni tal-obbligi lill-fornituri kollha matul il-katina ta' provvista.

B'dispjaċir, il-Ġermanja hija tal-fehma li din id-dispożizzjoni, li ser tirrikjedi sforz konsiderevoli mill-partijiet kollha, ġiet inkluża fl-abbozz mingħajr it-tħejjija xierqa f'termini ta' kontenut jew il-valutazzjoni tal-impatt xierqa meħtieġa għal kwistjoni kumplessa bħal din. Il-Ġermanja tista' taqbel biss bil-ħsieb tal-kompromess ġenerali milħuq fil-proċedura tat-trilogu. Il-Ġermanja titlob li l-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mal-ECHA bħala l-korp responsabbli għaż-żamma tal-bażi tad-data, tispeċifika d-dettalji preċiżi meħtieġa biex l-ECHA u l-Istati Membri jkunu jistgħu jimplimentaw id-dispożizzjoni b'mod xieraq filwaqt li l-piż tax-xogħol ikun limitat għall-minimu meħtieġ. Jekk il-Kummissjoni tkun tal-fehma li dan jeħtieġ emendi supplementari għad-dritt tal-Unjoni, il-Kummissjoni hija mitluba tippreżenta abbozz ta' dispożizzjonijiet għal dan l-għan.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Pakkett dwar l-iskart: Direttiva dwar skart mill-imballaġġ*<br>Direttiva (UE) 2018/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 94/62/KE dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)<br>ĠU L 150, 14.6.2018, p. 141-154 | 12/18 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur; minbarra:<br>Astensjoni: HU |

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar qafas ta' politika għall-ekonomija ċirkolari**

Il-Kummissjoni hija impenjata li tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa tal-pjan ta' azzjoni tal-UE għall-Ekonomija Ċirkolari[28]. Biex jinżamm rekord tal-progress lejn l-ekonomija ċirkolari, il-Kummissjoni adottat qafas ta' monitoraġġ [9] li jibni fuq il-Valutazzjoni tal-Effiċjenza tar-Riżorsi u tal-Materja Prima eżistenti. Il-Kummissjoni tiġbed l-attenzjoni wkoll lejn il-ħidma tagħha li għadha għaddejja dwar indikatur tal-impatt għall-prodotti u l-organizzazzjonijiet.

L-azzjonijiet meħuda skont il-pjan ta' azzjoni tal-UE għall-Ekonomija Ċirkolari jikkontribwixxu wkoll biex jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni dwar il-konsum u l-produzzjoni sostenibbli, fil-kuntest tal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli Nru 12. Dan huwa l-każ, pereżempju, tal-istrateġija dwar il-plastik[30] jew tal-proposta reċentement emendata dwar il-garanzija legali għall-prodotti tal-konsumatur[31].

F'dak li jirrigwarda l-konsistenza bejn l-oqfsa regolatorji tal-Unjoni, il-Kummissjoni dan l-aħħar adottat ukoll Komunikazzjoni li tistabbilixxi l-għażliet biex tiġi indirizzata l-interfaċċa bejn il-leġislazzjoni tas-sustanzi kimiċi, il-prodotti u l-iskart[32]. Fl-2018, il-Kummissjoni se teżamina wkoll għażliet u azzjonijiet għal qafas ta' politika aktar koerenti għal-linji ta' ħidma differenti dwar il-politika tal-prodotti tal-UE fil-kontribut tagħhom lejn l-ekonomija ċirkolari. L-interazzjonijiet bejn il-leġislazzjoni u l-kooperazzjoni tal-industrija dwar l-użu ta' prodotti sekondarji u l-preparazzjoni għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-iskart ser jiġu wkoll ikkunsidrati fil-qafas ta' dawn l-inizjattivi u s-segwitu tagħhom.

Fir-rigward tal-ekodisinn, il-Kummissjoni, skont il-Pjan ta' Ħidma tal-Ekodisinn għas-snin 2016-2019[33], tikkonferma l-impenn qawwi tagħha biex jiġi żgurat li l-ekodisinn joffri kontribut aktar sinifikanti lill-ekonomija ċirkolari, pereżempju billi jindirizza b'mod aktar sistematiku l-kwistjonijiet tal-effiċjenza tal-materjali bħad-durabbiltà u r-riċiklabbiltà.

28 COM(2015) 614 final
29 COM(2018) 29 final
30 COM (2018) 28 final
31 COM(2017) 637 final
32 COM (2018) 32 final
33 COM(2016) 773 final

| |
|---|
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-inizjattivi għall-ekonomija kollaborattiva**<br>Skont il-Pjan ta' Azzjoni għall-Ekonomija Ċirkolari[34], il-Kummissjoni nediet għadd ta' inizjattivi dwar l-ekonomija kollaborattiva. Kif imħabbar fil-Komunikazzjoni tagħha dwar aġenda Ewropea għall-ekonomija kollaborattiva[35] f'Ġunju 2016, il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja l-iżviluppi ekonomiċi u regolatorji tal-ekonomija kollaborattiva, bil-ħsieb li tħeġġeġ l-iżvilupp ta' mudelli ta' negozju ġodda u innovattivi, filwaqt li tiżgura protezzjoni tal-konsumatur u protezzjoni soċjali adegwata.<br>34 COM(2015) 614 final<br>35 COM(2016) 356 final |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-mikroplastik**<br>Fil-kuntest tal-istrateġija Ewropea għall-Plastiks adottata reċentement fl-Ekonomija Ċirkolari[36], il-Kummissjoni ressqet approċċ ta' strateġija integrata biex tindirizza t-tħassib dwar il-mikroplastik, inkluż l-ingredjenti tal-mikrożibeġ. Dan jiffoka fuq azzjonijiet preventivi u għandu l-għan li jnaqqas ir-rilaxx tal-mikroplastik mis-sorsi ewlenin kollha – kemm jekk minn prodotti li fihom huma intenzjonalment miżjuda (bħal prodotti għall-kura personali u ż-żebgħat) jew minn dawk li joriġinaw mill-produzzjoni jew użu ta' prodotti oħrajn (bħall-plastik osso, it-tajers, il-gerbub tal-plastik, u t-tessuti).<br>36 COM (2018) 28 final |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar ir-rieżami tar-regolament dwar il-vjeġġi tal-iskart u dwar il-materjali tat-tmiem tal-iskart**<br>Fil-kuntest tar-rieżami ppjanat tar-Regolament (UE) Nru 1013/2006 dwar il-vjeġġi ta' skart li jridu jitwettqu sal-aħħar tal-2020, il-Kummissjoni se tikkunsidra l-fattibbiltà li jkunu previsti miżuri ulterjuri rigward il-vjeġġi ta' materjali tat-tmiem tal-iskart fejn il-kriterji tat-tmiem tal-iskart ma jkunux ġew stabbiliti fil-livell tal-Unjoni skont l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart. |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar miżuri biex jiġi żgurat li jsir it-trattament tal-iskart qabel ir-rimi f'landfill**<br>Skont l-Artikolu 6(a) tad-Direttiva 1999/31/KE dwar ir-rimi ta' skart f'landfill, l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw li fil-landfill jiġi mitfugħ biss skart li jkun ġie soġġett għat-trattament, filwaqt li jiżguraw li tali miżuri ma jikkompromettux il-ksib tal-objettivi tad-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart (id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart) kif riveduta, b'mod partikolari fir-rigward tal-ġerarkija tal-iskart, il-ġbir separat tal-iskart u l-miri ta' tħejjija għal użu mill-ġdid u għar-riċiklaġġ, kif stabbilit f'dik id-Direttiva.<br>Filwaqt li tibni fuq l-iskambju ta' fehmiet li seħħ waqt il-laqgħa tal-Grupp ta' Esperti dwar id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart li saret fit-30 ta' Ġunju 2017 u fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-kawża C-323/13, fix-xhur li ġejjin il-Kummissjoni se tintensifika d-djalogu tagħha mal-Istati Membri fir-rigward tal-miżuri ta' politika li jridu jittieħdu f'dan il-qasam. |

| |
|---|
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-proċedura ta' adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni**<br><br>Il-Kummissjoni ssostni li l-invokazzjoni tal-punt b) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(4) b'mod sistematiku, tmur kontra l-kliem u t-tifsira tar-Regolament 182/2011 (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13). Ir-rikors għal din id-dispożizzjoni għandu jittieħed f'każ ta' ħtieġa speċifika li wieħed jiddevja mir-regola ta' prinċipju li hija li l-Kummissjoni *tista'* tadotta abbozz ta' att ta' implimentazzjoni meta ma tingħata l-ebda opinjoni. Meta wieħed iqis li din hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali stabbilita fl-Artikolu 5(4) ir-rikors għat-tieni subparagrafu tal-punt b ma jistax jidher sempliċement bħala "setgħa diskrezzjonali" tal-Leġislatur, iżda għandu jiġi interpretat b'mod ristrett u għaldaqstant għandu jiġi ġustifikat. |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar id-disponibbiltà tad-data u l-obbligi ta' rappurtar**<br><br>Bil-ħsieb li jkun monitorat il-progress lejn il-miri ġodda għall-iskart muniċipali u l-iskart mill-imballaġġ, u fid-dawl tal-klawsoli ta' rieżami rilevanti, b'mod partikolari biex jiġu stabbiliti miri għall-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel u r-riċiklaġġ ta' żjut għar-rimi, il-Kummissjoni tissottolinja l-importanza tal-fehim komuni li ntlaħaq bejn il-koleġislaturi li l-Istati Membri ser jiżguraw li r-rapportar ta' data taħt id-Direttivi 2008/98/KE dwar l-iskart, 94/62/KE dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ u 1999/31/KE dwar ir-rimi ta' skart f'landfill kif emendati, ser ikopri s-sena 2020. |
| **Dikjarazzjoni mill-Polonja**<br><br>**<u>I. Frekwenza tar-rapportar mill-Istati Membri</u>**<br><br>Il-Polonja nnotat b'dispjaċir l-informazzjoni li tikkonċerna ż-żieda fil-frekwenza tar-rapportar mill-Istati Membri.<br><br>L-abbozzi ta' direttivi jżidu l-frekwenza tar-rapportar mill-Istati Membri minn sentejn għal kull sena, li qatt ma ġiet aċċettata fil-mandat. Is-soluzzjonijiet imressqa jirrappreżentaw piż amministrattiv sinifikanti għall-Istati Membri. Il-Polonja appoġġat il-mandat f'Mejju 2017 bil-kondizzjoni li jittieħed kont tat-talba tal-Polonja rigward il-frekwenza tar-rapportar.<br><br>**<u>II. Plawżibbiltà u fattibbiltà ta' ċerti miri tar-riċiklaġġ</u>**<br><br>Fir-rigward tar-riċiklaġġ tal-iskart mill-imballaġġ tal-plastik, il-Polonja tinnota li l-mira ta' 55 % fl-2030 tista' tkun teknikament diffiċli li tintlaħaq minħabba l-kwalitajiet ta' ċerti materjali. |

**Dikjarazzjoni mill-Greċja**

Il-Greċja tappoġġa l-kompromess ġenerali miksub waqt in-negozjati għall-"Pakkett dwar l-Iskart", filwaqt li tirrikonoxxi l-isforzi enormi li saru biex jintlaħaq qbil, kif ukoll l-importanza tal-pakkett fi ħdan il-Pakkett dwar l-Ekonomija Ċirkolari.

Madankollu, ġew inklużi għadd ta' dispożizzjonijiet importanti tul in-negozjati li mhumiex legalment koerenti, jew li mhumiex ibbażati fuq valutazzjoni tal-impatt xierqa, b'mod partikolari:

L-Art. 9(1) l-inċiż 9 u l-Art.9(1a) dwar l-interfaċċja bejn REACH u l-iskart, kif ukoll in-nuqqas ta' referenza għall-Art. 10(2) u 10(3) tal-WFD fi:
Art. 11(1) dwar id-demolizzjoni selettiva,
Art. 18.3 dwar l-iskart perikoluż imħallat,
Art. 20 dwar il-ġbir separat tal-iskart perikoluż domestiku u
Art. 22(1) dwar il-bijoskart.

Fil-fehma tagħna, l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija x'aktarx tirriżulta daqstant ta' sfida fil-prattika għan-negozji, l-amministrazzjoni pubblika u għaċ-ċittadini, li ser tkun saħansitra kontroproduttiva fir-rigward tal-objettiv inġenerali tal-promozzjoni tal-ekonomija ċirkolari b'mod sostenibbli.

Barra minn hekk, aħna tal-opinjoni li r-responsabbiltà finanzjarja sħiħa għandha tintrefa' mis-sistemi EPR u ninnotaw li 10% tal-miri tal-landfill tal-iskart muniċipali sa 2035/2040 ma tikkunsidrax b'mod suffiċjenti l-kondizzjonijiet soċjali differenti jew id-densità tal-popolazzjoni u l-karatteristiċi bejn l-Istati Membri u inevitabilment twassal għal aktar inċinerazzjoni, li huwa eżitu subottimali.

Barra minn hekk, inħeġġu lill-Kummissjoni biex tindirizza b'mod sistematiku u koerenti il-karatteristiċi speċifiċi ta' gżejjer remoti żgħar bħala parti mill-miżuri ta' implimentazzjoni tal-pakkett u notevolment tad-Direttiva dwar il-Landfills riveduta kif ukoll tal-Art. 10(1) sa 10(3) u tad-dispożizzjonijiet relatati msemmija hawn qabel.

**Dikjarazzjoni mill-Finlandja**

Il-Finlandja tappoġġa l-għanijiet u l-objettivi kif ukoll il-kompromess ġenerali dwar il-"Pakkett dwar l-Iskart", li jwitti t-triq għal żieda fir-riċiklaġġ u tisħiħ tal-ekonomija ċirkolari.

Madankollu, il-Finlandja tixtieq ittenni t-tħassib tagħha dwar l-inkonsistenzi tal-miri ġenerali ta' riċiklaġġ għall-iskart mill-imballaġġ fir-rigward tal-miri speċifiċi għall-materjal tiegħu (Artikolu 6, paragrafu 1, punti (f) u (h) tad-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ).

Aktar preċiżament, il-Finlandja tqis li t-tnaqqis fil-miri speċifiċi għall-materjali ma kinux riflessi suffiċjentement fil-miri ġenerali ta' riċiklaġġ. Meta mqabbel mal-proposta tal-Kummissjoni, pereżempju, il-mira tar-riċiklaġġ għall-iskart mill-imballaġġ tal-injam tnaqqset b'35 punti perċentwali (minn 60% sa 25%) fl-2025 u sa 45 punti perċentwali (minn 75% sa 30%) fl-2030. Minkejja dan, il-mira ġenerali għall-2025 baqgħet l-istess (65%) fil-proposta tal-Kummissjoni, u l-mira għall-2030 tnaqqset b'ħames punti perċentwali biss (minn 75% għal 70%).

Il-Finlandja tqis ukoll li l-miri inġenerali tar-riċiklaġġ għall-iskart mill-imballaġġ ma jqisux b'mod suffiċjenti l-fatt li l-abbiltà tal-Istati Membri li jilħqu l-miri tiddependi b'mod sinifikanti fuq il-proporzjon ta' ċertu materjali tal-imballaġġ li jintużaw. F'dan ir-rigward, il-ftehim finali mhuwiex partikolarment favorevoli għal dawk l-Istati Membri fejn l-użu tal-imballaġġ tal-injam huwa mifrux u fejn il-proporzjon tal-iskart tal-imballaġġ tal-injam mill-ammont totali ta' skart mill-imballaġġ huwa sinifikanti.

Għal dawk l-Istati Membri, il-miri inġenerali tar-riċiklaġġ jistgħu jintlaħqu biss fil-prattika jekk ir-rati ta' riċiklaġġ għall-iskart mill-imballaġġ tal-injam jistgħu jiżdiedu għal livelli li huma b'mod ċar aktar mill-miri speċifiċi għall-materjal. Anke riċiklaġġ estremament effiċjenti ta' materjali oħra ta' skart mill-imballaġġ (jiġifieri ħafna ogħla mill-miri ta' riċiklaġġ speċifiċi għall-materjali tagħhom) ma jistax jagħmel tajjeb għar-rata aktar baxxa ta' riċiklaġġ għall-imballaġġ tal-injam. Dan huwa kontradittorju minħabba li l-miri tar-riċiklaġġ għall-iskart mill-imballaġġ tal-injam ġew stabbiliti apposta f'livell aktar baxx minħabba l-potenzjal limitat ta' riċiklaġġ.

Konsegwentement, u għal darb' oħra filwaqt li tisħaq fuq l-impenn u l-appoġġ għall-għanijiet u l-objettivi tal-pakkett dwar l-iskart, il-Finlandja jiddispjaċiha li l-miri ġenerali vinkolanti ta' riċiklaġġ għall-iskart mill-imballaġġ jittrattaw lill-Istati Membri b'mod mhux indaqs skont il-proporzjoni ta' ċerti materjali tal-imballaġġ użati b'rabta mal-ammont totali tal-materjali ta' imballaġġ kollha.

**Dikjarazzjonijiet mill-Ġermanja**

**<u>Ġbir separat</u>**

1. L-Artikolu 10(2) tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart (WFD) attwali jistipula li, biex ikun hemm konformità mar-rekwiżit ta' rkupru skont l-Artikolu 10(1), l-iskart irid jinġabar b'mod separat "jekk dan ikun teknikament, ambjentalment u ekonomikament prattikabbli". L-emenda għall-Artikolu 10(2) maqbula fit-trilogu neħħiet din id-dispożizzjoni u ssostitwietha fl-Artikolu 10(3) ġdid bi klawsola speċjali ta' deroga li taħtha Stat Membru jista' jippermetti derogi mir-rekwiżit ta' ġbir separat soġġett għal ċertu kondizzjonijiet. Din l-emenda għall-Artikolu 10 tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart mhux biss għandha impatt fuq l-obbligi diretti fuq il-produtturi u detenturi, iżda taffettwa wkoll l-obbligu tal-Istati Membri li jiżguraw ġbir separat ta' ċerti skart, jilħqu kwoti ta' riċiklaġġ (Artikolu 11 tal-WFD) u jiġbru bijoskart separatament (Artikolu 22 tal-WFD).

   Il-Ġermanja tappoġġa l-objettivi insegwiti mill-WFD għall-kisba ta' ekonomija ċirkolari sostenibbli kemm fil-livell tal-UE u dak nazzjonali. Dawk kollha kkonċernati għandhom jieħdu sehem fl-isforzi biex tinkiseb ekonomija ċirkolari; għaldaqstant, l-ekonomija ċirkolari teħtieġ bażi legali soda. Il-Ġermanja tindika li, irrispettivament mill-klawżola tad-deroga fl-Artikolu 10(3) tad-WFD, kemm it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea kif ukoll id-dritt kostituzzjonali Ġermaniż jistipulaw li obbligi legali vinkolanti, speċjalment obbligi għall-ġbir separat jistgħu jiġu imposti biss fuq il-produtturi u d-detenturi tal-iskart jekk ikunu proporzjonali, jiġifieri xierqa, meħtieġa u adatti bil-ħsieb li jtejbu r-riċiklaġġ.

2. L-istess japplika għall-projbizzjoni ġdida fuq l-inċinerazzjoni tal-iskart miġbur separatament skont l-Artikolu 10(3a) (ġdid) tal-WFD u l-projbizzjoni fuq ir-rimi f'landfills ta' tali skart skont il-punt (f) ġdid tal-Artikolu 5(3) tad-Direttiva dwar il-Landfills. Dawn il-projbizzjonijiet jistgħu jiġu imposti biss fuq il-produtturi u d-detenturi jekk ikunu proporzjonali. Minbarra dan, l-Artikolu 13 tad-WFD jirrikjedi li l-ġestjoni ta' tali skart titwettaq mingħajr ma tiġi pperikolata s-saħħa tal-bniedem u mingħajr ma ssir ħsara lill-ambjent.

**Rigward l-obbligu li l-ECHA tingħata informazzjoni dwar l-artikoli (l-Artikolu 9(1)(i) u l-Artikolu 9(2) tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart)**

Id-dispożizzjoni li ddaħħlet fid-disa' inċiż tal-Artikolu 9(1)(i) u fl-Artikolu 9(2) matul il-fażi finali tan-negozjati tat-trilogu, li tipprevedi li l-artikli li jkun fihom sustanzi ta' tħassib serju ħafna fit-tifsira tar-Regolament REACH għandhom jiġu inklużi f'bażi tad-data fl-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA), tqajjem għadd ta' mistoqsijiet dettaljati li għandhom jiġu ċċarati sabiex l-Istati Membri jistgħu jfasslu regolamenti li jżommu mal-miri tad-dispożizzjoni. Pereżempju, hemm bżonn ta' kjarifika dwar kif jiġu identifikati l-oġġetti kkonċernati b'tali mod li jkunu jistgħu jiddaħħlu fil-bażi ċentrali f'forma li jkunu jistgħu jinstabu faċilment. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet komuni jeħtieġ jitfasslu biex jittrattaw mas-sottomissjonijiet ta' data għal wieħed u l-istess artikolu li huma mistennija fi kwantitajiet kbar riżultat tal-estensjoni tal-obbligi lill-fornituri kollha matul il-katina ta' provvista.

B'dispjaċir, il-Ġermanja hija tal-fehma li din id-dispożizzjoni, li ser tirrikjedi sforz konsiderevoli mill-partijiet kollha, ġiet inkluża fl-abbozz mingħajr it-tħejjija xierqa f'termini ta' kontenut jew il-valutazzjoni tal-impatt xierqa meħtieġa għal kwistjoni kumplessa bħal din. Il-Ġermanja tista' taqbel biss bil-ħsieb tal-kompromess ġenerali milħuq fil-proċedura tat-trilogu. Il-Ġermanja titlob li l-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mal-ECHA bħala l-korp responsabbli għaż-żamma tal-bażi tad-data, tispeċifika d-dettalji preċiżi meħtieġa biex l-ECHA u l-Istati Membri jkunu jistgħu jimplimentaw id-dispożizzjoni b'mod xieraq filwaqt li l-piż tax-xogħol ikun limitat għall-minimu meħtieġ. Jekk il-Kummissjoni tkun tal-fehma li dan jeħtieġ emendi supplementari għad-dritt tal-Unjoni, il-Kummissjoni hija mitluba tippreżenta abbozz ta' dispożizzjonijiet għal dan l-għan.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Regolament dwar il-biedja organika*<br>Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007<br>ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1-92 | 62/17 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur; minbarra:<br>Kontra: CZ, CY, LT, SK, FI<br>Astensjoni:<br>BE, HU, AT |

**Dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni**

**Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar esperimenti temporanji għal varjetajiet organiċi**

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-ħtieġa li jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet li bihom għandhom jiġu żviluppati varjetajiet organiċi li jkunu adattati għall-produzzjoni organika.

Biex jiġu stabbiliti l-kriterji għad-deskrizzjoni tal-karatteristiċi tal-"varjetajiet organiċi xierqa għall-produzzjoni organika", kif ukoll biex jiġu definiti l-kundizzjonijiet li bihom "il-varjetajiet organiċi xierqa għall-produzzjoni organika" jistgħu jiġu prodotti bil-ħsieb li jiġu kkummerċjalizzati, il-Kummissjoni se torganizza esperiment temporanju sa mhux aktar tard minn sitt xhur wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Dan l-esperiment temporanju se jistabbilixxi l-kriterji għad-deskrizzjoni tad-distintività, tal-uniformità, tal-istabbiltà, u, fejn applikabbli, tal-valur għall-kultivazzjoni u l-użu tal-varjetajiet organiċi xierqa għall-produzzjoni organika, u se jindirizza kundizzjonijiet oħra tal-kummerċjalizzazzjoni, bħat-tikkettar u l-ippakkjar. Dawn il-kundizzjonijiet u l-kriterji se jqisu l-ħtiġijiet u l-għanijiet speċifiċi tal-agrikoltura organika, bħat-titjib tad-diversità ġenetika, ir-reżistenza għall-mard u l-adattament għall-kundizzjonijiet tal-ħamrija u tal-klima. Se jiġu ppreżentati rapporti annwali biex jiġi mmonitorjat il-progress tal-esperiment temporanju.

Fil-qafas ta' dan it-tip ta' esperiment, li għandu jdum għaddej seba' snin u li għandu jipprevedi kwantitajiet suffiċjenti, l-Istati Membri jistgħu jinħelsu minn ċerti obbligi preskritti fid-Direttiva 66/401/KEE, fid-Direttiva 66/402/KEE, fid-Direttiva 68/193/KEE, fid-Direttiva 2002/53/KE, fid-Direttiva 2002/54/KE, fid-Direttiva 2002/55/KEE, fid-Direttiva 2002/56/KEE, fid-Direttiva 2002/57/KEE, fid-Direttiva 2008/72/KEE u fid-Direttiva 2008/90/KE.

Il-Kummissjoni se tivvaluta l-eżitu ta' dan l-esperiment bil-ħsieb li tipproponi l-emenda tar-rekwiżiti tal-leġislazzjoni orizzontali dwar il-kummerċjalizzazzjoni ta' żrieragħ u ta' materjal riproduttiv ieħor tal-pjanti għall-karatteristiċi tal-"varjetajiet organiċi xierqa għall-produzzjoni organika".

| |
|---|
| **<u>Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Artikolu 55</u>**<br><br>Il-Kummissjoni ssostni li huwa kontra l-kliem u t-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13) li wieħed jinvoka l-punt (b) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(4) b'mod sistematiku. L-użu ta' din id-dispożizzjoni għandu jsir biss meta jkun hemm bżonn speċifiku li wieħed jiddevja mir-regola ta' prinċipju, li hija li l-Kummissjoni tista' tadotta abbozz ta' att ta' implimentazzjoni meta ma tingħata l-ebda opinjoni. Meta wieħed iqis li din hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali stabbilita fl-Artikolu 5(4) ir-rikors għat-tieni subparagrafu tal-punt b ma jistax jidher sempliċement bħala "setgħa diskrezzjonali" tal-Leġislatur, iżda għandu jiġi interpretat b'mod ristrett u għaldaqstant għandu jiġi ġustifikat. |
| **Dikjarazzjoni minn Franza**<br><br>Franza kienet qed tittama għal approċċ aktar ambizzjuż dwar l-użu ta' aġġuvanti, sinerġizzanti u koformulanti fil-produzzjoni tal-pjanti. Tista' taċċetta t-test finali filwaqt li tikkunsidra li xorta ser ikun possibbli li jiġi projbit l-użu ta' ċerti sustanzi fil-livell nazzjonali jekk dawn jonqsu milli jikkonformaw mal-prinċipji u l-objettivi tal-produzzjoni organika.<br><br>Franza titlob lill-Kummissjoni tissorvelja l-implimentazzjoni tal-Artikolu 9(3) u l-impatt tiegħu fuq il-produzzjoni organika. Jekk isir evidenti li l-implimentazzjoni tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(3) x'aktarx li taffettwa l-integrità tas-settur organiku, il-Kummissjoni ser ikollha tipproponi lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew emenda adatta għar-Regolament.<br><br>Fl-aħħar nett, Franza tindika li hija tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha li tiżgura li l-implimentazzjoni tar-Regolament fil-livell nazzjonali tikkonforma bis-sħiħ mal-objettivi tiegħu, b'mod partikolari fir-rigward tar-robustezza tas-sistema ta' kontroll. Tfakkar ukoll fid-dikjarazzjonijiet tagħha li ddaħħlu fil-minuti tal-laqgħat tal-KSA tas-27 ta' Frar u d-29 ta' Mejju 2017. |
| **Dikjarazzjoni mill-Iżvezja**<br><br>L-Iżvezja tappoġġa l-adozzjoni tar-Regolament il-ġdid dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi. Ir-Regolament joħloq qafas fuq terminu twil għas-settur organiku. Madanakollu, l-Iżvezja jiddispjaċiha li xi partijiet tar-Regolament ser ixekklu l-espansjoni ta' ċertu forom ta' produzzjoni, pereżempju l-iżvilupp ta' xi kumpanniji ta' serer li mhux ser ikunu jistgħu jikbru fid-daqs. Ir-Regolament, f'ċerti każijiet, ser ixekkel ukoll l-innovazzjonijiet, li jista' jillimita l-iżvilupp tas-settur fuq terminu twil. L-Iżvezja ser tkompli tikkontribwixxi għall-iżvilupp pożittiv tas-settur tal-biedja organika, u qed tistenna bil-ħerqa r-rapport tal-Kummissjoni dwar l-użu ta' mżiera' demarkati fl-agrikoltura organika. Il-fatti xjentifiċi li jqisu d-differenzi ġeografiċi u klimatiċi tal-Istati Membri għandhom jikkostitwixxu l-bażi tar-regoli għall-kumpanniji tas-serer. |

| |
|---|
| **Dikjarazzjoni mir-Repubblika Ċeka**<br>Ir-Repubblika Ċeka tinsab imħassba dwar il-forma tal-proposta finali għar-Regolament organiku. Jiddispjaċina li l-intenzjonijiet oriġinali tar-riforma, jiġifieri li jiġu ssimplifikati u armonizzati r-regoli għall-operaturi organiċi fl-UE kollha, ma ntlaħqux. Barra minn hekk, nibżgħu li l-inkonsistenzi fit-test li rriżulta jistgħu jwasslu biex it-tikketta organika titlef il-kredibilità mal-konsumaturi.<br>Barra minn hekk, ir-Repubblika Ċeka jiddispjaċiha ħafna għad-deċiżjoni li tiġi differita riżoluzzjoni tal-kwistjoni tal-presenza ta' residwi ta' pestiċidi fi prodotti organiċi, li kienet meqjusa bħala waħda mill-kwistjonijiet essenzjali tar-riforma attwali. Dan jibgħat lill-konsumaturi l-messaġġ preokkupanti li l-aspettattivi tagħhom li l-prodotti organiċi għandhom ikunu ħielsa minn residwi ta' pestiċidi jista' jkun li mhux bilfors jintlaħqu.<br>Inqisu li l-qbil huwa pass lura, li jxekkel l-iżvilupp ulterjuri tas-settur. |
| **Dikjarazzjoni mil-Litwanja**<br>Il-Litwanja tinnota li l-proposta għadha tinkludi klawżola inadegwata waħda, li ma tilħaqx l-aspettattivi tal-konsumaturi billi tipprevedi li deċiżjoni dwar il-limitu ta' sustanzi mhux awtorizzati fil-produzzjoni organika tiġi posposta għal data futura. Il-proposta kif tinsab bħalissa tiddiżappunta lil dawk il-konsumaturi fl-UE kollha li jagħżlu prodotti organiċi minħabba n-natura speċifika tal-produzzjoni tagħhom, jiġifieri bħala prodotti "nodfa" mingħajr pestiċidi.<br>Ninnutaw ukoll in-nuqqas tal-proposta li tiżgura armonizzazzjoni tar-rekwiżiti fl-UE kollha. Billi ppruvajna nilħqu qbil akkost ta' kollox, il-proposta fiha għadd ta' derogi li huma miftuħa għal adozzjoni individwali mill-Istati Membri, kif ukoll xi derogi li huma previsti għal Stati Membri speċifiċi biss - dan ser iwassal għal kondizzjonijiet kompetittivi mhux ugwali fis-suq.<br>Għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, il-Litwanja topponi t-test tal-proposta dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi. |

<table>
<tr><td>Regolament dwar l-approvazzjoni tat-tip<br>Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)<br>ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1-218</td><td>73/17</td><td>Maġġoranza kwalifikata</td><td>L-Istati Membri kollha favur, minbarra:<br>Astensjoni: CZ, DE, LV, SK</td></tr>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni Ewropea<br><br><u>Ir-rabta bejn id-diversi bażijiet tad-data tal-UE u dawk nazzjonali (l-Artikolu 9a)</u><br><br>Il-Kummissjoni tikkondividi l-opinjonijiet tal-leġislatur li għandhom jiġu żgurati l-interkonnessjonijiet bejn il-bażijiet tad-data differenti użati għall-approvazzjoni tat-tip u s-sorveljanza tas-suq. Billi xi bażijiet tad-data huma ġestiti b'mod individwali mill-Istati Membri, il-kooperazzjoni sħiħa tagħhom se tkun kruċjali biex l-interkonnessjoni tirnexxi.<br><br><u>Il-Patt il-Ġdid għall-Konsumaturi</u><br><br>Il-Kummissjoni titħasseb dwar sitwazzjonijiet li jagħmlu ħsara mifruxa u li jaffettwaw l-interessi tal-konsumaturi, kif fil-fatt ġara f'Settembru 2015 meta l-manifatturi tal-karozzi ppruvaw jevitaw l-istandards tal-emissjonijiet ta' ċerti sustanzi li jniġġsu l-arja, u hija konxja li l-mezzi proċedurali nazzjonali eżistenti li jiżguraw rimedju xieraq għall-konsumaturi f'sitwazzjonijiet bħal dawn, għandhom il-limiti tagħhom. Il-Kummissjoni adottat proposta dwar azzjonijiet rappreżentattivi għall-protezzjoni tal-interessi kollettivi tal-konsumaturi [COM(2018)184] bħala parti mill-pakkett "Patt Ġdid għall-Konsumaturi" fil-11 ta' April 2018, maħsuba biex tagħti s-setgħa lil entitajiet kwalifikati biex ivaraw azzjonijiet rappreżentattivi f'isem il-konsumaturi u li tintroduċi setgħat ta' sanzjonar aktar b'saħħithom għall-awtoritajiet tal-konsumaturi tal-Istati Membri. B'din il-proposta, ladarba tiġi adottata, vittmi ta' prattiki kummerċjali inġusti, bħal reklamar qarrieqi minn manifatturi tal-karozzi li ma jikkonformawx mal-qafas regolatorju tal-Unjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi jew tal-leġislazzjoni ambjentali, se jkunu f'pożizzjoni li jiksbu rimedji b'mod kollettiv.</td></tr>
</table>

**Il-kontrolli tas-suq obbligatorji li l-Kummissjoni twettaq fis-suq (l-Artikolu 9)**

Il-Kummissjoni tilqa' l-fatt li l-leġislatur ikkonferma l-kontrolli tas-swieq li ser tibda twettaq il-Kummissjoni. Issa huwa essenzjali li l-leġislatur jiżgura li din l-attività tiġi ffinanzjata kif jixraq b'mod partikolari fil-kuntest tal-proposta tal-Kummissjoni għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss.

**L-istatus quo għal tmiem is-serje (l-Artikolu 47)**

Il-Kummissjoni jiddispjaċiha li għal tmiem is-serje, minflok proċedura tal-UE, il-leġislazzjoni futura se żżomm l-istatus quo ta' proċedura nazzjonali li titfa' piż żejjed fuq l-importaturi, il-manifatturi tal-vetturi u l-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali. Barra minn hekk il-proċedura preżenti m'għandha l-ebda valur miżjud għas-sikurezza u l-ambjent u toħloq problemi għas-suq intern tal-vetturi użati. **Ir-regoli dwar il-ħidma tal-kumitat**

Dwar ir-regoli tal-Kumitat; il-Kummissjoni ssostni li l-invokazzjoni tal-punt (b) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(4) b'mod sistematiku, tmur kontra l-kliem u t-tifsira tar-Regolament 182/2011 (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13). L-użu ta' din id-dispożizzjoni għandu jsir biss meta jkun hemm bżonn speċifiku li wieħed jiddevja mir-regola ta' prinċipju, li hija li l-Kummissjoni tista' tadotta abbozz ta' att ta' implimentazzjoni meta ma tingħata l-ebda opinjoni. Meta wieħed iqis li din hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali stabbilita fl-Artikolu 5(4) ir-rikors għat-tieni subparagrafu tal-punt b ma jistax jidher sempliċement bħala "setgħa diskrezzjonali" tal-Leġislatur, iżda għandu jiġi interpretat b'mod ristrett u għaldaqstant għandu jiġi ġustifikat.

**It-tħassir tad-delega li ngħatat lill-Kummissjoni biex tirregola sistemi ta' manipulazzjoni fl-ittestjar tas-CO2 waqt l-użu (l-Artikolu 91)**

Il-Kummissjoni jiddispjaċiha li l-proposta inizjali tagħha biex tirregola l-konformità waqt l-użu tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ permezz ta' leġislazzjoni ta' implimentazzjoni ma ġietx appoġġata mill-koleġislaturi. Dan se jdewwem aktar l-istabbiliment ta' proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità waqt l-użu li huwa element kruċjali biex jiġi żgurat li l-valuri tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ u tal-konsum tal-fjuwil attribwiti lil vetturi individwali jkunu affidabbli. Il-Kummissjoni inkludiet mandat simili fil-proposta tagħha dwar standards tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ għall-Vetturi Ħfief, adottata fit-8 ta' Novembru 2017 u tappella lill-koleġislaturi jappoġġawha.

**Dikjarazzjoni mir-Repubblika Ċeka u l-Latvja**

Ir-Repubblika Ċeka u l-Latvja jaqblu bis-sħiħ dwar il-ħtieġa ta' reviżjoni tal-qafas tal-approvazzjoni tat-tip għal vetturi bil-mutur, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, bil-ħsieb li jkun żgurat livell għoli ta' sikurezza u protezzjoni tas-saħħa u l-ambjent.

Ir-Repubblika Ċeka u l-Latvja jappoġġaw l-għanijiet u l-prinċipji tar-Regolament il-ġdid bħal sorveljanza tas-suq effiċjenti, proċeduri ta' sejħiet lura u ta' salvagwardja ċari u armonizzati, funzjonament xieraq tas-servizzi tekniċi, koordinazzjoni eqreb bejn l-awtoritajiet nazzjonali u applikazzjoni uniformi tar-regoli tal-approvazzjoni tat-tip. Sistema effiċjenti ta' sorveljanza tas-suq għandha, qabel xejn, tkun ibbażata fuq prinċipju ta' valutazzjoni tar-riskju.

Ir-Repubblika Ċeka u l-Latvja jibqgħu kritiċi dwar l-allegat valur miżjud tas-sorveljanza addizzjonali mill-Kummissjoni ta' awtoritajiet nazzjonali tal-approvazzjoni tat-tip kif miftiehem fit-test tal-Artikolu 9a li rriżulta minn trilogi mal-Parlament Ewropew. Il-valutazzjoni tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip mill-Kummissjoni ma tistax titqies neċessarja u proporzjonali għall-ksib tal-għanijiet tar-Regolament. Għall-kuntrarju, barra li jżid piż burokratiku żejjed fis-sistema, dan il-mekkaniżmu jimmina l-istess prinċipji tas-sistema tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE. L-Artikolu 9a jinterferixxi mal-attivitajiet tal-awtoritajiet nazzjonali li huma fil-kompetenza tal-Istati Membri. Billi ma jirrispettawx il-kompetenzi tal-awtoritajiet nazzjonali tal-approvazzjoni tat-tip, il-fiduċja u r-rispett tas-sistema tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE qegħdin għaldaqstant jiġu mminati. Barra minn hekk, tali valutazzjoni ser tirdoppja s-sistema ta' evalwazzjoni bejn il-pari u żżid il-piż amministrattiv diġà sinifikanti għall-awtoritajiet.

Ir-Repubblika Ċeka u l-Latvja huma wkoll tal-opinjoni li t-test tal-Artikolu 90 huwa tal-akbar importanza peress li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' multi tal-UE li jirriżulta f'impatt dirett fuq il-manifatturi. Għaldaqstant, proċedura, metodi għall-kalkolu u ġabra ta' multi amministrattivi għandhom jiġu adottati permezz ta' att ta' implimentazzjoni.

**Dikjarazzjoni mill-Ġermanja**

Il-Gvern Federali jixtieq jirringrazzja lill-partijiet interessati kollha għal dan l-abbozz ta' regolament dwar l-approvazzjoni tat-tip u s-sorveljanza tas-suq tal-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom. Il-Ġermanja tappoġġa r-reviżjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-approvazzjoni tat-tip u s-sorveljanza tas-suq tal-vetturi bil-mutur u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separat bil-għan li tiżgura livell għoli ta' sikurezza fit-toroq u l-ħarsien tas-saħħa u l-ambjent. Dan japplika b'mod partikolari għall-introduzzjoni tas-sorveljanza tas-suq obbligatorja, l-obbligu tal-Istati Membri li jagħtu informazzjoni u sorveljanza aktar stretta tas-servizzi tekniċi li jagħmlu l-ittestjar tal-vetturi fil-kuntest tal-approvazzjonijiet tat-tip.

Madankollu, aħna tal-fehma li l-abbozz ta' regolament mhuwiex biżżejjed. L-għan hu li jitjiebu r-regoli għall-approvazzjonijiet tat-tip u s-sorveljanza tas-suq u li terġa' tinbena l-fiduċja fil-leġislazzjoni Ewropea dwar l-approvazzjoni tat-tip. Waqt id-diskussjonijiet, il-Ġermanja ressqet għadd ta' proposti li jmorru lil hinn mill-proposta attwali u li kienu jikkontribwixxu biex din ma tkunx ambigwa, tkun ċara u applikabbli. Jiddispjaċina li xi wħud mid-domandi bażiċi tal-Ġermanja ma ġewx inklużi f'dan l-abbozz ta' regolament. Dan japplika b'mod partikolari għall-aspetti li ġejjin:

- L-ispeċifikazzjoni tar-regoli għall-approvazzjoni tat-tip u s-sorveljanza tas-suq bi proċedura definita b'mod ċar għal prodotti mhux konformi.
- Il-proposta tal-Gvern Federali li tiġi stabbilita kamra tal-approvazzjoni li, bħala korp espert, tħejji deċiżjoni sa dati tal-għeluq definiti b'mod ċar fil-każ ta' tilwim.
- L-introduzzjoni ta' sistema ta' rotazzjoni għas-servizzi tekniċi sabiex tittejjeb il-kwalità. Skont il-"prinċipju ta' erba' għajnejn", għandu jkun hemm it-tieni servizz tekniku li jagħmel verifiki arbitrarji u b'hekk itejjeb il-kwalità tal-approvazzjonijiet tat-tip.
- Il-bidla ta' regoli dwar vetturi ta' tmiem is-sensiela b'ċertifikati ta' konformità għall-ewwel reġistrazzjonijiet li, ladarba jinħarġu, huma validi għal perijodu mhux limitat ta' żmien.
- Il-Ġermanja tkompli wkoll tirrakkomanda s-sorveljanza amministrattiva tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ u s-sorveljanza tal-konsum tal-fjuwil f'sewqan reali, peress li tħassru mill-proposta attwali. Inqisu li hu importanti li din il-miżura tiġi implimentata minnufih.

| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
|---|---|
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE fil-Kumitat OTIF-RID (30 ta' Mejju 2018)*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/768 tat-22 ta' Mejju 2018 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-55 sessjoni tal-Kumitat ta' Esperti dwar it-Trasport ta' Oġġetti Perikolużi stabbilit mill-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija fir-rigward ta' ċerti emendi tal-Appendiċi C għall-Konvenzjoni dwar it-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija<br>ĠU L 129, 25.5.2018, p. 77-79 | 7209/18 |
| *Dati tal-elezzjonijiet tal-PE għall-2019*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2018/767 tat-22 ta' Mejju 2018 li tiffissa l-perijodu għad-disa' elezzjoni tar-rappreżentanti għall-Parlament Ewropew b'vot dirett universali<br>ĠU L 129, 25.5.2018, p. 76-76 | 7162/18 |
| *Reviżjoni tar-Rakkomandazzjoni dwar il-kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja*<br>Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2018 dwar il-kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)<br>ĠU L 189, 4.6.2018, p. 1-13 | 9009/18 |
| *Rakkomandazzjoni dwar il-promozzjoni tal-valuri komuni, l-edukazzjoni inklużiva u d-dimensjoni Ewropea tat-tagħlim*<br>Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2018 dwar il-promozzjoni tal-valuri komuni, l-edukazzjoni inklużiva u d-dimensjoni Ewropea tat-tagħlim<br>ĠU L 195, 7.6.2018, p. 1-5 | 9010/18 |

| | |
|---|---|
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-mixja lejn viżjoni għal Żona Ewropea tal-Edukazzjoni | 9012/18 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol taż-żgħażagħ fil-bini ta' soċjetà sikura, koeżiva u armonjuża fl-Ewropa | 9013/18 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol taż-żgħażagħ fl-indirizzar tal-isfidi demografiċi fi ħdan l-Unjoni Ewropea | 9014/18 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ħtieġa li l-wirt kulturali jitpoġġa fuq quddiem fil-politiki kollha tal-UE | 9015/18 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-valuri komuni tal-UE permezz tal-isport | 9016/18 |
| **It-3618 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Barranin), li saret fi Brussell fit-22 ta' Mejju 2018** | |
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| *Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-Assistenza mill-UE lill-Myanmar/Burma*<br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 4/2018 tal-Qorti tal-Awdituri dwar Assistenza mill-UE lill-Myanmar/Burma | 8952/18 |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li temenda l-Protokoll 31 għall-Ftehim ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet (Linja baġitarja- Implimentazzjoni u żvilupp tas-suq uniku għas-servizzi finanzjarji)*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/776 tat-22 ta' Mejju 2018 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE fir-rigward tal-emenda tal-Protokoll 31 għall-Ftehim ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet (Linja Baġitarja 12 02 01: "Implimentazzjoni u żvilupp tas-suq uniku għas-servizzi finanzjarji@) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)<br>ĠU L 131, 29.5.2018, p. 12-13 | 8187/18 |

| | |
|---|---|
| *Deċiżjoni tal-Kunsill fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE fir-rigward tal-emenda tal-Protokoll 31 għall-Ftehim ŻEE (L-azzjoni preparatorja tal-Unjoni fuq ir-riċerka dwar id-difiża)*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/777 tat-22 ta' Mejju 2018 dwar il-pożizzjoni li trid tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE fir-rigward tal-emenda tal-Protokoll 31 għall-Ftehim ŻEE, dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet (Linja Baġitarja 04 77 03: "Azzjoni preparatorja fuq ir-riċerka dwar id-difiża") (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)<br>ĠU L 131, 29.5.2018, p. 14-15 | 8190/18 |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-emenda tal-Protokoll 31 għall-Ftehim ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet (Linja Baġitarja 04 03 01 03 - Sigurtà Soċjali)*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/786 tat-22 ta' Mejju 2018 dwar il-pożizzjoni li trid tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE fir-rigward tal-emenda tal-Protokoll 31 għall-Ftehim ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet (Linja Baġitarja 04 03 01 03: "Moviment liberu tal-ħaddiema, koordinazzjoni ta' skemi tas-sigurtà soċjali u miżuri għall-migranti inkluż migranti minn pajjiżi terzi") (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)<br>ĠU L 132, 30.5.2018, p. 45-47 | 8194/18 |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE fir-rigward tal-emenda tal-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) għall-Ftehim ŻEE (Atti EMIR Livell 2)*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/817 tat-22 ta' Mejju 2018 dwar il-pożizzjoni li trid tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE fir-rigward tal-emenda tal-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) għall-Ftehim ŻEE (Atti EMIR Livell 2)<br>ĠU L 137, 4.6.2018, p. 7-22 | 7438/18 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Enerġija u l-Iżvilupp | 8954/18 |

| | |
|---|---|
| *Konklużjonijiet dwar l-Investiment fl-Iżvilupp Sostenibbli u r-Rapport Annwali tal-2018 dwar il-Miri tal-UE ta' Għajnuna għall-Iżvilupp*<br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "L-Investiment fl-Iżvilupp Sostenibbli" u r-Rapport Annwali tal-2018 għall-Kunsill Ewropew dwar il-Miri tal-UE ta' Għajnuna għall-Iżvilupp | 8959/18 |
| *Konklużjonijiet dwar ir-Rapport Annwali dwar l-istrumenti tal-UE għall-finanzjament tal-azzjonijiet esterni*<br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Annwali dwar l-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni Ewropea għall-finanzjament tal-azzjonijiet esterni fl-2016 | 8960/18 |
| *Relazzjonijiet mal-Messiku - Adeżjoni tal-Kroazja u applikazzjoni proviżorja tat-Tielet Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim dwar Sħubija Ekonomika, Koordinazzjoni Politika u Kooperazzjoni bejn l-UE u l-Messiku*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u l-applikazzjoni proviżorja tat-Tielet Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim dwar Sħubija Ekonomika, Koordinazzjoni Politika u Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Istati Uniti Messikani, min-naħa l-oħra, sabiex jittieħed kont tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea | 15380/17 |
| *Relazzjonijiet mal-Messiku - Adeżjoni tal-Kroazja u applikazzjoni proviżorja tat-Tielet Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim dwar Sħubija Ekonomika, Koordinazzjoni Politika u Kooperazzjoni bejn l-UE u l-Messiku*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, tat-Tielet Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim dwar Sħubija Ekonomika, Koordinazzjoni Politika u Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Istati Uniti tal-Messiku, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea | 15383/17 |

| | |
|---|---|
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata fil-Kunsill Konġunt UE-Messiku stabbilit taħt il-Ftehim dwar Sħubija Ekonomika, Koordinazzjoni Politika u Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha sabiex jittieħed kont tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kunsill Konġunt UE-Messiku stabbilit taħt il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika, Koordinazzjoni Politika u Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Istati Uniti tal-Messiku, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-emendar tad-Deċiżjonijiet Nru 2/2000 u Nru 2/2001 tal-Kunsill Konġunt biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea | 15376/17 |
| *Negozjati dwar Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles mal-Awstralja u New Zealand*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mal-Awstralja għal Ftehim ta' Kummerċ Ħieles | 7663/18 |
| *Negozjati dwar Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles mal-Awstralja u New Zealand*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati ma' New Zealand għal Ftehim ta' Kummerċ Ħieles | 7661/18 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar in-negozjar u l-konklużjoni ta' ftehimiet kummerċjali tal-UE | 9120/18 |

| It-3619-il laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji), li saret fi Brussell fil-25 ta' Mejju 2018 | | | |
|---|---|---|---|
| ATTI LEĠISLATTIVI | | | |
| ATT | DOKUMENT | REGOLA TAL-VOT | VOTI |
| *Emenda tad-Direttiva 2011/16/UE rigward l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-arranġamenti transkonfinali rapportabbli fil-qasam tat-taxxa*<br>Direttiva tal-Kunsill (UE) 2018/822 tal-25 ta' Mejju 2018 li temenda d-Direttiva 2011/16/UE dwar l-iskambju awtomatiku u obbligatorju ta' informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni fir-rigward ta' arranġamenti transkonfinali rapportabbli<br>ĠU L 139, 5.6.2018, p. 1-13 | 7160/18 | Unanimità | L-Istati Membri kollha favur |

**Dikjarazzjoni mill-Kunsill**

Sabiex jiġi żgurat livell adegwat ta' kompetizzjoni fir-rigward tal-iskambju effettiv ta' informazzjoni u trasparenza sħiħa rigward skemi ta' evażjoni ta' Standard Komuni ta' Rappurtar (CRS), il-Kunsill jesprimi l-appoġġ politiku sod tiegħu għal azzjoni fil-livell internazzjonali għal implimentazzjoni ġenerali tar-Regoli dwar l-Iżvelar Obbligatorju għall-Indirizzar dwar Arranġamenti għall-Evitar tas-CRS u Strutturi Opaki.

**Dikjarazzjoni mill-Ġermanja**

Fil-fehma tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, il-privileġġ legali professjonali nazzjonali fil-Ġermanja japplika wkoll għall-awdituri, konsulenti tat-taxxa u l-kontabilisti awtorizzati bl-istess mod bħall-avukati.

<table>
<tr><th colspan="2">ATTI MHUX LEĠISLATTIVI</th></tr>
<tr><th>ATT</th><th>DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET</th></tr>
<tr><td>Deroga lill-Ungerija fuq il-VAT għall-provvisti ta' oġġetti u servizzi<br>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/789 tal-25 ta' Mejju 2018 li tawtorizza lill-Ungerija biex tapplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud<br>ĠU L 134, 31.5.2018, p. 10-11</td><td>8045/18</td></tr>
<tr><td>Konklużjoni dwar ir-rapport tal-QEA dwar il-Greċja<br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 17/2017 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "L-intervent tal-Kummissjoni fil-kriżi finanzjarja Griega"</td><td>8665/18</td></tr>
<tr><td>Konklużjonijiet dwar il-governanza tajba fi kwistjonijiet tat-taxxa għal ftehimiet ma' pajjiżi terzi<br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-dispożizzjoni standard tal-UE dwar il-governanza tajba fil-qasam tat-taxxa għall-ftehimiet mal-pajjiżi terzi</td><td>9294/18</td></tr>
<tr><td>Semestru Ewropew 2018<br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-analiżijiet fil-fond tal-2018 u l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi tal-2017</td><td>9354/18</td></tr>
<tr><td colspan="2">Dikjarazzjoni mill-Ungerija<br>L-Ungerija hija tal-fehma li l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar analiżijiet fil-fond u implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż tal-2017 jenħtieġ li jieħdu kont tal-eżitu tad-dibattiti tal-laqgħat tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2017 u ta' Marzu 2018 b'rabta mad-dimensjoni soċjali tal-UE.<br>Peress li ma kien hemm ebda kunsens f'dawn il-laqgħat tal-Kunsill Ewropew biex il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jiġi integrat fil-proċess tas-Semestru Ewropew, l-Ungerija ma tistax taċċetta KONKLUŻJONI LI FIHA l-Kummissjoni inkorporat il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali fir-rapporti tal-pajjiżi.<br>Bħala konsegwenza ta' dan l-Ungerija ma tistax taqbel mal-formulazzjoni tal-paragrafu 17 tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill u tastjeni mill-adozzjoni tagħhom.</td></tr>
<tr><td>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi fid-dawl ta' popolazzjonijiet li qed jixjieħu</td><td>9356/18</td></tr>
</table>

| **It-3620 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Kompetittività (Suq Intern, Industrija, Riċerka u Spazju)) li saret Brussell fit-28 u d-29 ta' Mejju 2018** | |
|---|---|
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika mar-Repubblika Libaniża dwar is-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA)*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/826 tat-28 ta' Mejju 2018 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Libaniża li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika Libaniża fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA)<br>ĠU L 140, 6.6.2018, p. 1-2 | 11967/17 |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE għall-Kumitat Veterinarju Konġunt bejn l-UE u l-Iżvizzera*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Veterinarju Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar kummerċ fi prodotti agrikoli fir-rigward tad-Deċiżjoni Nru 1/2017 dwar l-emendar tal-Appendiċi 6 tal-Anness 11 tal-Ftehim | 14048/17 |

| | |
|---|---|
| *Deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill li timponi multa fuq l-Awstrija*<br>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/818 tat-28 ta' Mejju 2018 li timponi multa fuq l-Awstrija għall-manipulazzjoni tad-data dwar id-dejn f'Land Salzburg<br>ĠU L 137, 4.6.2018, p. 23-24 | 9140/17 |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**<br>L-affidabbiltà tad-data dwar id-defiċit u d-dejn tal-Istati Membri hija ta' importanza fundamentali għall-governanza ekonomika soda tal-Unjoni, kif rikonoxxut bl-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1173/2011. Meta tiġi imposta multa, il-prinċipju tat-trattament ugwali jrid jiġi rispettat b'referenza għall-każijiet preċedenti. Għalkemm il-Kummissjoni tapprezza li l-Kunsill la qed jikkontesta l-awtorità esklużiva tal-Kummissjoni li tmexxi l-investigazzjonijiet u lanqas qed jikkontesta l-fatti kif stabbiliti mill-Kummissjoni, jiddispjaċiha miċ-ċirkustanzi li wasslu lill-Kunsill inaqqas il-multa. Il-Kummissjoni ma tqisx li id-"diffikultajiet li jirriżultaw mill-kumplessità kbira tal-fatti" hija ġustifikazzjoni rilevanti għat-tnaqqis tal-ammont tal-multa, f'dan il-każ jew f'oħrajn futuri possibbli. | |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa (EOSC) | 9291/18 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar li "Titħaffef iċ-ċirkolazzjoni tal-għarfien fl-UE" | 9507/18 |

| It-3621 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Barranin), li saret fi Brussell fit-28 ta' Mejju 2018 | |
|---|---|
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| *Miżuri restrittivi kontra s-Sirja - rieżami - Deċiżjoni u Regolament ta' Implimentazzjoni*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/778 tat-28 ta' April 2018 li temenda d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja<br>ĠU L 131, 29.5.2018, p. 16-22 | 8200/18 |
| *Miżuri restrittivi kontra s-Sirja - rieżami - Deċiżjoni u Regolament ta' Implimentazzjoni*<br>Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/774 tat-28 ta' Mejju 2018 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja<br>ĠU L 131, 29.5.2018, p. 1-7 | 8201/18 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Kooperazzjoni Msaħħa tal-UE fis-Sigurtà fl-Asja u mal-Asja | 8941/18 |
| *Konklużjonijiet dwar Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali - Saru sforzi biex jingħata segwitu għar-rakkomandazzjonijiet, iżda jeħtieġ li jkun hemm monitoraġġ aħjar (CoA SR Nru 22/2017)*<br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 22/2017 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali - Saru sforzi biex jingħata segwitu għar-rakkomandazzjonijiet, iżda jeħtieġ li jkun hemm monitoraġġ aħjar" | 9121/18 |
| *Konklużjonijiet dwar pożizzjoni tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-kummerċ illeċitu fl-armi ħfief u ta' kalibru żgħir (SALW)*<br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar pożizzjoni tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-kummerċ illeċitu fl-armi ħfief u ta' kalibru żgħir, fid-dawl tat-Tielet Konferenza ta' Rieżami għar-rieżami tal-implimentazzjoni tal-Programm ta' Azzjoni tan-NU dwar is-SALW (New York, 18-29 ta' Ġunju 2018) | 8978/18 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-PSDK ċivili | 9288/18 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Venezwela | 9167/18 |

| **Adozzjoni ta' atti leġislattivi wara t-Tieni Qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, mit-28 sal-31 ta' Mejju 2018)** | | | |
|---|---|---|---|
| ATTI LEĠISLATTIVI | | | |
| ATT | DOKUMENT | REGOLA TAL-VOT | VOTI |
| Regolament (UE) 2018/825 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1036 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea u r-Regolament (UE) 2016/1037 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea<br>ĠU L 143, 7.6.2018, p. 1-18 | 24/18<br>(9475/18) | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli |